KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fl-1 ta' Lulju 2015 [1]

Kawża C-357/14 P

Electrabel SA,
Dunamenti Erőmű Zrt
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Ungeriżi lil ċerti produtturi tal-elettriku — Ftehimiet ta' xiri ta' elettriku konklużi bejn l-impriża pubblika 'MVM' u ċerti produtturi tal-elettriku — Kundizzjonijiet li jqiegħdu lil dawn il-produtturi f'sitwazzjoni ekonomika vantaġġuża — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni"

I – **Introduzzjoni**

1. Electrabel SA (iktar 'il quddiem "Electrabel") u Dunamenti Erőmű Zrt (iktar 'il quddiem "Dunamenti Erőmű") ippreżentaw dan l-appell kontra s-sentenza Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-179/09, EU:T:2014:236, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), inkwantu din ċaħdet ir-rikors għal annullament ta' Dunamenti Erőmű indirizzat kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/609/KE, tal-4 ta' Ġunju 2008, dwar l-għajnuna mill-Istat C 41/05 mogħtija mill-Ungerija fil-kuntest ta' kuntratti ta' xiri tal-elettriku (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") [2].

2. Din il-kawża hija ta' importanza kbira peress li tqajjem tliet kwistjonijiet delikati. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha l-okkażjoni li tiċċara jekk, f'każ li l-miżura li tista' tikkostitwixxi tali għajnuna ġiet implementata qabel l-adeżjoni tal-Istat Membru mal-Unjoni Ewropea, id-data ta' referenza meħtieġa għall-analiżi tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat hija dik tal-għoti tal-miżura jew tal-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja trid tiddeċiedi dwar jekk, f'każ li d-data tal-adeżjoni tintgħażel bħala d-data ta' referenza, kull element fattwali qabel din id-data jridx ikun esklużż mill-analiżi tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat. It-tielet nett, il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiċċara l-konfini bejn is-sentenzi tagħha Banks (C-390/98, EU:C:2001:456) u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238).

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 225, p. 53.

II – **Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-kuntest attwali**

3. Dunamenti Erőmű hija produttur tal-elettriku fis-suq Ungeriż u topera impjant tal-enerġija li jinsab madwar 30 km 'l bogħod min-nofsinhar ta' Budapest (l-Ungerija). Din kienet impriża pubblika li ġiet ipprivatizzata fix-xahar ta' Diċembru tal-1995. Fiż-żmien tal-fatti, 74.82 % tal-ishma tagħha kienu proprjetà ta' Electrabel, li hija parti minn grupp li tiegħu GDF Suez SA hija l-kumpannija parent, u madwar 25 % tal-ishma tagħha kienu proprjetà ta' Magyar Villamos Művek Zrt (iktar 'il quddiem "MVM"), impriża pubblika Ungeriża attiva kemm fil-produzzjoni tal-elettriku kif ukoll fil-bejgħ bl-ingrossa, it-trażmissjoni u l-bejgħ mill-ġdid ta' elettriku fuq is-suq Ungeriż.

4. Fix-xhur ta' Marzu u ta' Ġunju tal-2014, il-grupp GDF Suez biegħ is-sehem tiegħu lil Dunamenti Erőmű, li llum tagħmel parti mill-grupp MET.

5. F'nofs is-snin disgħin, l-għanijiet l-iktar urġenti stabbiliti fis-settur Ungeriż tal-enerġija kienu dawn: il-garanzija tas-sigurtà tal-provvista bl-orħos prezz possibbli, l-immodernizzar tal-infrastruttura b'ħarsien tal-istandards ta' protezzjoni ambjentali fis-seħħ u t-twettiq tar-ristrutturar meħtieġ fis-settur tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Madankollu, billi l-impjanti kienu essenzjalment impjanti antiki Sovjetiċi, kien jidher li dawn l-għanijiet ma kinux setgħux jintlaħqu mingħajr is-sostenn ta' investituri barranin.

6. Kien għalhekk li ġew proposti ftehimiet ta' xiri ta' enerġija fuq medda twila ta' żmien [iktar 'il quddiem il-"PPAs" (Power Purchase Agreements)] lill-investituri barranin li kienu jintrabtu li jinvestu fil-bini u fl-immodernizzar tal-impjanti tal-enerġija Ungeriżi, bl-elettriku jinxtara minn MVM.

7. Il-PPAs ippermettew lil MVM tistabbilixxi portafoll ta' produzzjoni ekwilibrat u li b'hekk tirrispetta l-obbligu tagħha li tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista. Huma kienu jippermettulha wkoll li tissodisfa kemm id-domanda għal bżonnijiet bażiċi (b'impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam u bl-enerġija nukleari) kif ukoll id-domanda għal bżonnijiet massimi (b'impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass).

8. Il-PPAs kienu jeħtieġu li l-produtturi tal-elettriku jżommu u jħaddmu l-faċilitajiet tal-produzzjoni tagħhom kif suppost. Huma kienu jirriżervaw il-kapaċitajiet ta' produzzjoni kollha jew parti kbira minnhom (MW) tal-impjant tal-enerġija għal MVM. Din l-allokazzjoni tal-kapaċità kienet indipendenti mill-użu attwali tal-impjant tal-enerġija. Lil hinn mill-kapaċitajiet irriżervati, il-PPA kien jeħtieġ li MVM tixtri ammont minimu speċifiku ta' elettriku (MWh) minn kull impjant tal-enerġija.

9. Il-PPAs ġew konklużi fil-qafas tat-tħejjija għall-ipprivatizzar tal-impjanti tal-enerġija u kienu bbażati fuq l-istess mudell ta' kuntratt imħejji minn ditta ta' avukati internazzjonali fuq talba tal-Gvern Ungeriż. Għall-kuntrarju tal-ipprivatizzar tal-impjanti tal-enerġija, il-PPAs ma sarux skont proċedura ta' sejħa għal offerti, iżda mhux ikkontestat li l-PPAs iffirmati qabel l-ipprivatizzar kienu jiffurmaw parti integrali mill-pakkett ta' miżuri ta' privatizzazzjoni.

10. Fl-10 ta' Ottubru 1995, eżatt qabel l-ipprivatizzar tagħha, Dunamenti Erőmű kkonkludiet PPA ma' MVM, li kien jirrigwarda l-unitajiet "blokk F" u "blokk G2" tal-impjant tal-enerġija tagħha. Dan il-ftehim, li daħal fis-seħħ fl-1996, kellu jdum sal-2010 għall-unitajiet "blokk F", li jaħdmu bil-gass, u sal-2015 għall-unitajiet "blokk G2", mgħammra b'turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat.

11. Xahrejn wara l-konklużjoni tal-PPA, jiġifieri fix-xahar ta' Diċembru 1995, Electrabel xtrat Dunamenti Erőmű mingħand l-Istat Ungeriż wara proċedura ta' sejħa għal offerti kompetittiva u miftuħa.

12. Għandu jiġi osservat li meta ġew iffirmati l-PPAs, is-suq tal-enerġija Ungeriż kien għadu ma ġiex liberalizzat u kien iffokat fuq xerrej wieħed, jiġifieri MVM. Fil-fatt, il-produtturi tal-enerġija setgħu jbiegħu direttament l-enerġija lil MVM biss u din biss kellha d-dritt li tipprovdi l-elettriku lid-distributuri reġjonali. Din is-sistema kienet titħaddem bejn il-31 ta' Diċembru 1991 u l-31 ta' Diċembru 2002.

13. Meta l-Ungerija ssieħbet fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004, is-suq Ungeriż tal-enerġija kien jikkonsisti f'settur ta' servizz pubbliku, li kien jirrappreżenta madwar 70 % tal-produzzjoni tal-enerġija, u settur kompetittiv li kien jirrappreżenta madwar 30 % ta' din il-produzzjoni. Fl-ewwel settur, MVM kienet l-uniku bejjiegħ bl-ingrossa filwaqt li, fit-tieni settur, kien hemm operaturi oħrajn attivi, u MVM kienet tintervjeni biss biex tbiegħ il-kwantitajiet żejda mixtrija taħt il-PPAs u mhux mitluba fis-settur pubbliku. Din is-sistema l-ġdida daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 u tneħħiet bil-Liġi Nru LXXXVI tal-2007, mill-1 ta' Jannar 2008.

14. Fl-4 ta' Mejju 2005, b'mod konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] [3], il-Kummissjoni rreġistrat *ex officio* fajl bir-referenza NN 49/2005 dwar għajnuna mill-Istat rigward il-PPAs.

15. Fl-4 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, fejn ħadet id-data tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2004, bħala d-data ta' referenza għall-analiżi dwar jekk il-PPAs kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

16. Permezz tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkwalifikat l-obbligu tax-xiri stabbilit permezz tal-PPAs bħala għajnuna mill-Istat favur produtturi tal-enerġija fit-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE, iddikkjaratu inkompatibbli mas-suq komuni u ordnat lill-Ungerija li twaqqfu fi żmien sitt xhur. L-Artikolu 2 impona fuq l-Ungerija l-obbligu li tiġbor lura mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna li kienu bbenefikaw minnha mill-1 ta' Mejju 2004.

17. Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Parlament Ungeriż adotta l-Liġi Nru LXX tal-2008 li temmet il-PPAs mill-31 ta' Diċembru 2008.

18. F'dak li jirrigwarda l-kalkolu u l-irkupru tal-ammont ta' għajnuna mingħand il-benefiċjarji, il-Gvern Ungeriż iddeċieda li jimplementa għal tliet benefiċjarji tal-PPAs, fosthom Dunamenti Erőmű, sistema ta' kumpens tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija ta' analiżi ta' għajnuna mill-Istat relatata mal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati (iktar 'il quddiem il-"Metodoloġija") [4].

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339.

4 — It-test tal-Metodoloġija huwa disponibbli fuq is-sit internet tal-Kummissjoni http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/stranded_costs_fr.pdf. Id-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 3) stipulat il-prinċipji tal-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-settur tal-elettriku Ewropew. L-Artikolu 24(1) tiegħu kien jipprovdi li "[l]-Istati Membri fejn rabtiet jew garanziji ta' operazzjoni illi ngħataw qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, ma jistgħux jiġu mwettqa minħabba d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jistgħu japplikaw għal reġim transitorju". Skont il-Kummissjoni, "tali impenji jew garanziji ta' operat huma normalment imsejħa 'spejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati' (*stranded costs*). Dawn l-impenji jew garanziji ta' operat jistgħu fil-fatt ikopru diversi forom: kuntratti tax-xiri għal żmien twil, investimenti magħmula b'garanzija impliċita jew espliċita tal-bejgħ, investimenti magħmula barra mill-ambitu tal-attività normali, eċċ." (ara l-Metodoloġija, p. 3). Madankollu, sistema ta' imposti stabbilita minn Stat Membru u fi tranżitu permezz ta' fond biex tikkumpensa l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u għalhekk għandha tkun konformi mal-kriterji stipulati mill-Kummissjoni f'din il-Metodoloġija minbarra li trid tkun innotifikata lill-Kummissjoni u approvata minnha qabel ma tiġi implementata.

19. Skont din is-sistema, li ġiet innotifikata lill-Kummissjoni u approvata minnha [5], l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati jikkonsistu fid-differenza bejn l-ispejjeż ta' investiment ta' kull wieħed mill-benefiċjarji u l-qligħ operattiv storiku (mid-dħul fis-seħħ tal-PPA sat-terminazzjoni bikrija tiegħu) u pproġettat tagħhom (bejn id-data ta' terminazzjoni bikrija u d-data li fiha l-kuntratt kellu jintemm abbażi tat-test tal-PPA) [6].

20. Din is-sistema kienet tistabbilixxi kumpens f'żewġ fażijiet [7]. Fl-ewwel fażi, l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati ta' kull benefiċjarju kellhom jitnaqqsu mill-ammont ta' għajnuna li kellu jitħallas lura lill-Istat Ungeriż. Jekk id-differenza bejn l-għajnuna li kellha titħallas lura u l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati kienet pożittiva, il-benefiċjarju kellu jħallas lura din id-differenza lill-Istat. F'każ kuntrarju, l-Istat Ungeriż ma kellux iħallas id-differenza lill-benefiċjarju [8].

21. It-tieni fażi kellha sseħħ fid-data meta jiskadi l-PPA ta' kull benefiċjarju (fil-każ ta' Dunamenti Erőmű, fil-31 ta' Diċembru 2015) meta l-awtoritajiet Ungeriżi huma mistennija li jikkalkolaw mill-ġdid l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati abbażi tal-ispejjeż u tad-dħul attwali. F'każ li l-ispejjeż reali li ma jistgħux jiġu rkuprati jinstabu li huma inqas mill-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata, il-benefiċjarju jkollu jħallas lura d-differenza lill-Istat Ungeriż. F'każ kuntrarju, l-Istat Ungeriż ma huwiex ser iħallas lill-benefiċjarju tal-PPA l-parti żejda tal-ispejjeż li definittivament ma jistgħux jiġu rkuprati.

22. Bħalissa, l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati ta' Dunamenti Erőmű huma stmati li huma HUF 22 171 991 000 (forint Ungeriż) (madwar Eur 73 miljun).

23. Fit-13 ta' Ġunju 2007, Electrabel bdiet arbitraġġ kontra l-Ungerija quddiem iċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID), fejn il-Kummissjoni intervjeniet bħala parti mhux kontestanti. Electrabel allegat, *inter alia*, li bil-waqfien tal-PPAs mingħajr kumpens sħiħ tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati, l-Ungerija kienet kisret il-garanziji tat-trattament ġust u ugwali tal-investimenti li jinsabu fl-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija, tas-17 ta' Diċembru 1994, li fih issieħbu r-Renju tal-Belġju, l-Ungerija u l-Unjoni [9].

24. Electrabel u l-Ungerija qablu dwar is-separazzjoni ("il-qsim") tal-proċedura bejn il-fażi "kompetenza u responsabbiltà" u l-fażi ta' kwantifikazzjoni ("kwantum").

25. Billi l-ammont definittiv tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati ta' Dunamenti Erőmű u ta' Electrabel ma jistax ikun ikkalkolat ħlief wara l-31 ta' Diċembru 2015, it-tribunal tal-arbitraġġ ddeċieda li jipposponi d-deċiżjoni tiegħu dwar jekk is-sistema ta' kumpens tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati implementata mill-Ungerija kinitx tikser l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija fil-fażi proċedurali tal-kwantum [10]. Madankollu, it-tribunal tal-arbitraġġ ikkunsidra li

5 — Ara l-ittra C(2010) 2532 finali tal-Viċi President tal-Kummissjoni M. Almunia lill-Ministru Ungeriż tal-Affarijiet Barranin, tas-27 ta' April 2010, disponibbli biss fil-lingwa Ingliża fuq is-sit internet tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/234326/234326_1114108_42_1.pdf).

6 — *Ibidem* (punt 8).

7 — Għal deskrizzjoni dettaljata, ara *ibidem* (punti 10 sa 24).

8 — Ara l-Artikolu 5(1) u(3) tal-Liġi Nru LXX tal-2008.

9 — Għandu jiġi osservat li, minħabba l-għażla ta' Electrabel li tibda dan l-arbitraġġ biss kontra l-Ungerija u biss dwar l-azzjonijiet u l-ommissjonijiet proprji, il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni kkontestata mat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija ma kinitx inkluża f'dan l-arbitraġġ. Ara *Electrabel S.A. v. The Republic of Hungary* (ICSID Case No. ARB/07/19) Decision on Jurisdiction, Applicable Law and Liability, punti 3.21, 4.11 u 6.76 (disponibbli fuq is-sit internet tal-Investment Treaty Arbitration http://italaw.com/sites/default/files/case-documents/italaw1071clean.pdf). Barra minn hekk, fir-rikors għal annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Dunamenti Erőmű ma kkontestatx il-validità tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' dan it-trattat. Minn dan jirriżulta li, wara l-għażliet li għamlu Electrabel u Dunamenti Erőmű, id-deċiżjoni kkontestata ħarbet kompletament mill-kontroll tal-legalità fir-rigward ta' dan it-trattat.

10 — *Ibidem* (punt 6.118).

fil-"fehma attwali, provviżorja u preliminari […]" tiegħu "in-nuqqas ta' ħlas, fi tmiem il-leġiżlazzjoni Ungeriża, ta' [HUF 22 171 991 000] jew ta' ammont inferjuri għal dan ma jikkostitwixxix neċessarjament ksur tal-istandard ta' [trattament ġust u ekwu]; iżda li n-nuqqas ta' ħlas (fi flus jew mod ieħor) ta' ammont ferm ogħla mill-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati, jista' jikkostitwixxi ksur"[11].

26. Dan ma jidhirx li kien l-istess approċċ tat-tribunal tal-arbitraġġ adottat fl-arbitraġġ mibdi minn Électricité de France (EDF), azzjonista ta' Budapesti Erőmű, dwar it-terminazzjoni tal-PPAs, u kkundannat lill-Ungerija tħallas EUR 107 miljuni lil EDF[12].

27. Irrispettivament mir-rikors għal annullament (li ċ-ċaħda tiegħu mill-Qorti Ġenerali huwa s-suġġett ta' dan l-appell) imressaq minn Dunamenti Erőmű u Electrabel kontra d-deċiżjoni kkontestata, Dunamenti Erőmű u Electrabel ressqu quddiem il-Qorti Ġenerali, fl-10 ta' Jannar 2014, rikors għad-danni, ibbażat fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, bl-għan li jiksbu kumpens għad-dannu li allegatament ġarrbu minħabba d-deċiżjoni kkontestata.

28. Fit-13 ta' Novembru 2014, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli fuq il-bażi li kien preskritt[13]. Id-digriet tal-Qorti Ġenerali huwa s-suġġett ta' appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[14].

III – **Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-s-sentenza appellata**

29. Id-deċiżjoni kkontestata kienet is-suġġett ta' diversi rikorsi għal annullament ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali minn kull benefiċjarju tal-PPAs[15].

30. Permezz tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Dunamenti Erőmű talbet l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

31. Permezz tal-ewwel motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, u permezz tat-tieni motiv tagħha, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha tikkwalifika l-miżuri inkwistjoni bħala "għajnuna eżistenti", fit-tifsira tal-Artikolu 108(1) TFUE, Dunamenti Erőmű kkontestat il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, il-kwalifika ta' din l-għajnuna bħala għajnuna ġdida kif ukoll id-data rilevanti magħżula għall-valutazzjoni tal-għajnuna fil-PPA inkwistjoni. Dunamenti Erőmű kkontestat l-applikazzjoni tal-kriterju tal-operatur privat f'ekonomija tas-suq u l-pożizzjoni ta' MVM, bħala attur fis-suq, fiż-żmien meta l-Ungerija ssieħbet fl-Unjoni. Dunamenti Erőmű invokat ukoll l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' ċertezza legali kif ukoll evalwazzjoni żbaljata min-naħa tal-Kummissjoni tal-ispeċifiċitajiet tal-PPA inkwistjoni.

32. Permezz tat-tielet motiv tagħha, Dunamenti Erőmű allegat li l-Kummissjoni kienet żbaljat meta kkunsidrat l-għajnuna fil-PPA inkwistjoni bħala għajnuna operattiva minflok għajnuna għall-investiment, u kkontestat is-sistema ta' kumpens tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati li ġiet implementata mill-awtoritajiet Ungeriżi.

11 — *Ibidem* (traduzzjoni tiegħi): "It is therefore best, in all the circumstances, for the Tribunal to say little more here, save to express the Tribunal's current, provisional and tentative view that the non-payment of HUF 22 171 991[000] or a lesser sum at the end of Hungary's legislative scheme does not strike the Tribunal as necessarily amounting to a breach of the FET standard; but that non-payment (in cash or otherwise) of a significantly higher sum for Net Stranded Costs most probably could."

12 — Is-sentenza arbitrali ma hijiex pubblika. Ara l-artiklu tal-istampa ta' Thomson, D., intitolat "EDF wins claim against Hungary" ipubblikat fil-11 ta' Diċembru 2014, fuq is-sit internet tal-Global Arbitration Review (http://globalarbitrationreview.com/news/article/33251/edf-wins-claim-against-hungary/).

13 — Ara d-digriet Electrabel u Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-40/14, EU:T:2014:1004).

14 — Ara l-kawża Electrabel u Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni (C-32/15 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

15 — Ara d-digriet Alpiq Csepel vs Il-Kummissjoni (T-370/08, EU:T:2011:116); is-sentenza Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65); id-digriet Pannon Hőerőmű vs Il-Kummissjoni (T-352/08, EU:T:2013:379); is-sentenzi Tisza Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-468/08, EU:T:2014:235) kif ukoll Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-179/09, EU:T:2014:236).

33. Permezz tar-raba' motiv tagħha, Dunamenti Erőmű kkontestat il-legalità tal-ordni tal-irkupru tal-għajnuna.

34. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors fit-totalità tiegħu [16].

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

35. Permezz tal-appell tagħhom ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Lulju 2014, Electrabel u Dunamenti Erőmű talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, li tiddeċiedi b'mod definittiv u li tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew, sussidjarjament, li tirreferi l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, kif ukoll li tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

36. Permezz tar-risposta tagħha ppreżentata fl-4 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-appell inammissibbli peress li tressaq minn Electrabel, tiċħad l-appell peress li ġie fformulat minn Dunamenti Erőmű u tikkundanna lil din tal-aħħar tħallas l-ispejjeż.

37. Electrabel u Dunamenti Erőmű ppreżentaw ir-replika tagħhom fl-2 ta' Novembru 2014 li għaliha l-Kummissjoni rrispondiet bil-kontroreplika tagħha ppreżentata fil-25 ta' Novembru 2014.

38. Fis-26 ta' Marzu 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat mistoqsija lill-partijiet skont l-Artikolu 61(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja waqt li talbithom jiffukaw fis-seduta fuq it-tieni u t-tielet aggravji, kif ukoll, skont l-Artikolu 62(2) tar-Regoli ta' Proċedura, fuq iż-żewġ mistoqsijiet fis-seduta.

39. Fl-20 ta' April 2015, saret seduta li matulha Electrabel, Dunamenti Erőmű u l-Kummissjoni ttrattaw oralment.

V – **L-appell**

40. Ser nibda l-analiżi tiegħi bl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-appell issollevata mill-Kummissjoni inkwantu tressaq minn Electrabel. Imbagħad, l-ewwel ser nitratta r-raba', il-ħames u l-ewwel aggravji li, fil-fehma tiegħi, jistgħu jiġu miċħuda mingħajr ebda diffikultà. Imbagħad, ser niffoka fuq it-tieni u t-tielet aggravji li, fil-fehma tiegħi, jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tannulla s-sentenza appellata.

A – *Fuq l-ammissibbiltà tal-appell inkwantu ġie ppreżentat minn Electrabel*

41. Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tal-appell inkwantu ġie ppreżentat minn Electrabel, abbażi li Dunamenti Erőmű biss ippreżentat rikors għal annullament fl-ewwel istanza.

42. Fir-replika tagħhom, Electrabel u Dunamenti Erőmű jikkontestaw din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà billi jispjegaw li meta ġie ppreżentat ir-rikors għal annullament, huma kienu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' impriżi u li l-interess ekonomiku u legali tagħhom seta' jkun difiż minn kwalunkwe waħda minnhom. Wara l-bejgħ tal-parteċipazzjoni tagħha f'Dunamenti Erőmű, Electrabel kellha tiddaħħal fil-proċedura ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biex tkun tista' tiddefendi l-interessi tagħha.

16 — Ir-rikorsi għal annullament ippreżentati mill-benefiċjarji l-oħrajn ukoll ġew miċħuda. Ara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65) u Tisza Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-468/08, EU:T:2014:235). Is-sentenza Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-179/09, EU:T:2014:236) biss kienet is-suġġett ta' appell.

43. Fil-fehma tiegħi, inkwantu l-appell ġie ppreżentat minn Electrabel, dan għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

44. L-ewwel nett, kif tinnota l-Kummissjoni, l-Artikolu 56(2) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li appell kontra sentenza tal-Qorti Ġenerali "jista' jitressaq minn kwalunkwe parti li tkun tilfet parzjalment jew għal kollox, fit-talbiet tagħha", li ma huwiex il-każ ta' Electrabel billi ma kinitx parti fil-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

45. It-tieni nett, Electrabel lanqas ma tagħmel parti mill-persuni privileġġati li, skont it-tielet paragrafu ta' dan l-istess artikolu, jistgħu jippreżentaw appell kontra sentenza tal-Qorti Ġenerali mingħajr ma jkunu intervjenew fil-kawża quddiem din tal-aħħar. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tillimita dan il-privileġġ għal "l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet [tal-Unjoni]" li minnhom Electrabel ma tagħmilx parti.

46. Jeħtieġ għalhekk li dan l-appell jiġi analizzat bħallikieku tressaq biss minn Dunamenti Erőmű.

B – *Fuq ir-raba' aggravju li jallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, mingħajr ma wriet il-preżenza ta' riskju strutturali, li l-obbligu ta' taxxa minima li kien jorbot lil MVM kien jimplika vantaġġ*

47. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, Dunamenti Erőmű ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u injorat l-obbligu ta' stħarriġ ġudizzjarju tagħha meta kkunsidrat, mingħajr ma wriet li attwalment kien jeżisti riskju strutturali, li l-obbligu ta' taxxa minima li kien jorbot lil MVM kien jimplika vantaġġ, meta l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet fil-punt 112 tas-sentenza appellata li MVM kienet regolarment xtrat kwantitajiet ikbar minn dawk li kienet obbligata tixtri minħabba dan l-obbligu.

1. Fuq l-ammissibbiltà

48. Skont il-Kummissjoni, dan l-aggravju huwa inammissibbli peress li Dunamenti Erőmű ma tindikax il-parti tas-sentenza appellata li allegatament hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

49. Fil-fehma tiegħi, jeħtieġ li dan l-argument jiġi miċħud, peress li, inkwantu l-argument ta' Dunamenti Erőmű jikkonsisti fi kritika li l-Qorti Ġenerali ma wrietx li kien hemm riskju strutturali, ma tistax tiġi akkużata li ma identifikatx partijiet speċifiċi tas-sentenza appellata li suppost jinkludu l-iżball ta' liġi.

2. Fuq il-mertu

50. Skont il-Kummissjoni, fil-punti 112, 113 u 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tat motiv indipendenti biex tirribatti l-argument li l-fatt li, mill-2004, MVM kienet xtrat regolarment iktar elettriku mingħand Dunamenti Erőmű minn dak li kienet mistennija tixtri, juri li Dunamenti Erőmű ma setgħetx kisbet vantaġġ minn dan l-obbligu.

51. Billi Dunamenti Erőmű ma kkontestatx il-punti 113 u 114 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni tinnota li Dunamenti Erőmű lanqas ma tikkontesta l-konstatazzjoni li tidher fl-istess punt 112 li l-obbligu ta' taxxa minima kien imur lil hinn mill-prattiki kummerċjali tas-soltu fis-swieq Ewropej tal-enerġija, element li proprju serva ta' bażi biex jiġi kkunsidrat li l-PPA kien jagħtiha vantaġġ.

52. Fir-replika tagħha kif ukoll waqt is-seduta, Dunamenti Erőmű ma kkontestatx l-analiżi tal-Kummissjoni li jiena nikkunsidra ġġustifikata.

53. Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

C – Fuq il-ħames aggravju li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonfermat il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-ammont ta' għajnuna

54. Permezz tal-ħames aggravju tagħha, li jirrigwarda l-metodu ta' kalkolu tal-ammont ta' għajnuna, Dunamenti Erőmű ssostni li l-fatt li ġie eżaminat, fil-punti 185 sa 192 tas-sentenza appellata, id-dħul u mhux il-qligħ tagħha, ma jwassalx għal stampa eżatta tal-vantaġġ li allegatament jirriżulta mill-PPA, minħabba li d-dħul li jkopri l-ispejjeż tal-karburant żejjed ġie kkwalifikat bħala vantaġġ li jrid jitħallas lura.

55. Għaldaqstant għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex raġun tikkonferma l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkwantifika l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata fuq il-bażi tad-dħul u mhux tal-profitti.

56. Fil-fehma tiegħi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud, għar-raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punti 187 u 188 tas-sentenza appellata. Dunamenti Erőmű ma tikkontestax li l-irkupru tal-għajnuna għandu l-għan li jtellef lill-benefiċjarju tagħha l-vantaġġ li gawda fis-suq meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu [17]. Il-vantaġġ li għandu jiġi rkuprat għandu għalhekk jiġi kkwantifikat b'paragun mal-ammonti li tħallsu lill-benefiċjarju. F'dan il-każ, kif tgħid il-Kummissjoni, huwa korrett li l-Qorti Ġenerali adottat approċċ ibbażat fuq dak li tħallas minn MVM lil Dunamenti Erőmű (jiġifieri d-dħul ta' din tal-aħħar) minflok fuq il-profitti li għamlet.

57. Fi kwalunkwe każ, kif tinnota l-Kummissjoni, metodu ta' rkupru bbażat fuq il-profitti, għall-kuntrarju ta' metodu bbażat fuq id-dħul, jipproduċi riżultati assurdi li jġibu fix-xejn l-effettività tar-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat. Jekk nieħdu l-loġika ta' Dunamenti Erőmű fl-estrem, kull darba li impriża tbiegħ il-prodotti jew is-servizzi tagħha bi prezz imbattibbli minħabba sussidji statali, ma jkun hemm ebda għajnuna mill-Istat għax din tkun żiedet biss id-dħul tagħha u mhux il-profitti. Madankollu, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom speċifikament l-għan li jikkontrollaw dan it-tip ta' distorsjoni fil-kompetizzjoni.

58. Għandu jiġi miċħud ukoll l-argument ta' Dunamenti Erőmű bbażat fuq is-sentenza Ferring (C-53/00, EU:C:2001:627), fejn fil-punti 30 sa 33 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-prinċipju li, jekk il-miżura ta' għajnuna twassal kemm għal profitti addizzjonali kif ukoll għal spejjeż addizzjonali, hija d-differenza bejn dawn il-profitti addizzjonali u dawn l-ispejjeż addizzjonali li għandha tiġi rkuprata.

59. F'din is-sentenza, li kienet tirrigwarda l-vantaġġ li distributuri bl-ingrossa kienu qegħdin jieħdu minħabba li ma kinux suġġetti għat-taxxa fuq il-bejgħ dirett ta' mediċini, u b'hekk kienu jeċċedu l-ispejjeż addizzjonali li kienu jeħlu biex iwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dan li ġej:

"32. […] jekk jirriżulta li d-distributuri bl-ingrossa, minħabba l-fatt li ma humiex suġġetti għat-taxxa fuq il-bejgħ dirett ta' mediċini, ikunu qegħdin jieħdu vantaġġ li jeċċedi l-ispejjeż żejda li huma jġarrbu biex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku impost fuqhom mir-regolamenti nazzjonali, dan il-vantaġġ, fil-parti li teċċedi l-imsemmija spejjeż, ma jistax, fi kwalunkwe każ, jitqies bħala neċessarju biex dawn l-operaturi jwettqu l-kompiti partikolari tagħhom.

17 — Ara, pereżempju, is-sentenza Unicredito Italiano (C-148/04, EU:C:2005:774, punt 113).

33. Konsegwentement, ir-risposta għandha tkun li l-Artikolu [106(2)] tat-Trattat [FUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix vantaġġ fiskali li jibbenefikaw minnu l-impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' servizz pubbliku bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dan il-vantaġġ jeċċedi l-ispejjeż addizzjonali tas-servizz pubbliku."

60. Għalhekk huwa ċar li, għalkemm l-ammont tas-sussidju mill-Istat li jeċċedi l-ispejjeż ta' servizz pubbliku jikkostitwixxi għajnuna kuntrarja għall-Artikolu 107 TFUE li trid tiġi rkuprata, dan il-prinċipju japplika biss f'każ li l-benefiċjarju jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE, jiġifieri meta jkun inkarigat mill-ġestjoni ta' servizzi pubbliċi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom karattru ta' monopolju fiskali, li ma huwiex il-każ ta' Dunamenti Erőmű.

61. Għal dawn ir-raġunijiet, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud.

D – *Fuq l-ewwel aggravju li jallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkwalifikat il-PPA inkwistjoni bħala għajnuna ġdida mingħajr ma ddeterminat minn qabel jekk dan il-PPA kienx għajnuna mill-Istat*

62. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Dunamenti Erőmű targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 60 tas-sentenza appellata, meta kkwalifikat il-PPA inkwistjoni bħala "għajnuna mill-Istat ġdida" fit-tifsira tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni tal-Ungerija mingħajr ma vverifikat minn qabel jekk l-erba' kundizzjonijiet dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat kinux issodisfatti kollha. F'dan ir-rigward, Dunamenti Erőmű tikkritika lill-Qorti Ġenerali għal motivazzjoni insuffiċjenti u ċirkolari.

63. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel aggravju ma jistax jiġi aċċettat.

64. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-Qorti Ġenerali hija libera li tistruttura u tiżviluppa r-raġunament tagħha kif tħoss li għandha tagħmel biex twieġeb għall-motivi ppreżentati quddiemha. B'hekk, l-istruttura u l-iżvilupp tar-risposta li tagħżel il-Qorti Ġenerali ma jistgħux jiġu kkontestati fil-kuntest ta' appell permezz ta' allegazzjonijiet li jipprovaw jistabbilixxu li l-Qorti Ġenerali kellha tiżvolġi r-raġunament tagħha skont l-aspettattivi tar-rikorrent" [18].

65. F'dan il-każ, anki jekk il-Qorti Ġenerali tabilħaqq iddeċidiet l-ewwel dwar in-natura eżistenti jew ġdida tal-għajnuna inkwistjoni (punti 49 sa 60 tas-sentenza appellata) qabel ma vvalutat jekk il-PPA kienx għajnuna mill-Istat (punti 74 sa 98 u 110 sa 121 tas-sentenza appellata), ma jidhirlix li dan l-istrutturar tal-motivazzjoni kellu xi impatt fuq ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali.

66. Fi kwalunkwe każ, kif tgħid il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet l-argumenti kollha mressqa minn Dunamenti Erőmű fil-kuntest tal-ewwel u tat-tieni motiv tagħha.

67. Naqbel ukoll mal-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-PPA inkwistjoni kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ma kinitx tiddependi fuq il-konklużjoni tagħha minn qabel dwar in-natura ġdida tal-għajnuna inkwistjoni. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda ċirkularità fir-raġunament tal-Qorti Ġenerali.

68. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

18 — Sentenza British Telecommunications vs Il-Kummissjoni (C-620/13 P, EU:C:2014:2309, punt 29).

E – *Fuq it-tieni aggravju li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-erba' kriterji li jikkwalifikaw miżura bħala għajnuna mill-Istat kellhom ikunu eżaminati fid-data tal-adeżjoni tal-Ungerija fl-Unjoni*

69. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Dunamenti Erőmű takkuża lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta għażlet id-data tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2004, bħala d-data ta' referenza biex tiddetermina jekk il-PPA inkwistjoni kienx jikkostitwixxi, kif sostniet il-Kummissjoni fil-premessi 156 sa 173 tad-deċiżjoni kkontestata, għajnuna mill-Istat.

70. Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, Dunamenti Erőmű tgħid li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 55 u 65 tas-sentenza appellata peress li, għall-kuntrarju tal-konklużjonijiet ifformulati f'dawn il-punti, l-ebda dispożizzjoni tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni ma tippermetti li tiġi ddeterminata, kemm direttament, kif ukoll b'deduzzjoni, id-data li fiha miżura tal-Istat għandha tkun evalwata bħala għajnuna mill-Istat.

71. Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, Dunamenti Erőmű targumenta li r-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali biex timmotiva l-għażla tagħha tad-data ta' referenza sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' għajnuna (u, b'mod partikolari, il-preżenza ta' vantaġġ għall-benefiċjarju fid-dawl tal-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq) huwa kontra l-"prassi legali", jiġifieri l-linji gwida u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni kif ukoll il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni.

1. Fuq l-ewwel parti

72. Kif innotat il-Qorti Ġenerali fil-punt 50 tas-sentenza Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65), "il-miżuri statali implementati qabel l-adeżjoni, iżda li, minn naħa, jibqgħu japplikaw wara din u li, min-naħa l-oħra, fid-data tal-adeżjoni jissodisfaw l-erba' kriterji kumulattivi tal-Artikolu [107](1) [TFUE], huma suġġetti għar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni kemm bħala għajnuna eżistenti fit-tifsira tal-Artikolu [108](1) [TFUE], meta jaqgħu taħt waħda mit-tliet kategoriji msemmija f'dak l-Anness, kif ukoll bħala għajnuna ġdida fid-data tal-adeżjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu [108](3) [TFUE], meta ma jaqgħux taħt waħda mit-tliet kategoriji".

73. L-Artikolu 1 tat-Titolu 3, intitolat "Il-politika dwar il-kompetizzjoni", tal-Anness IV għall-Att ta' Adeżjoni jistipula dan li ġej:

"1. L-iskemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li ġejjin li kienu fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni u li jkunu għadhom japplikaw wara dik id-data, għandhom jitqiesu ma' l-adeżjoni bħala għajnuna eżistenti fis-sens ta' l-Artikolu [108(1)] tat-Trattat [TFUE]:

a) miżuri ta' għajnuna li daħlu fis-seħħ qabel l- 10 ta' Diċembru 1994;

b) miżuri ta' għajnuna elenkati fl-Appendiċi ta' dan l-Anness;

c) miżuri ta' għajnuna li qabel id-data ta' l-adeżjoni kienu vvalutati mill-awtorità li tissorvelja l-għajnuna mogħtija mill-Istat ta' l-Istat Membru l-ġdid u meqjusa bħala kompatibbli ma' l-acquis, u li dwarhom il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda oġġezzjoni abbażi ta' dubji serji dwar jekk il-miżura tkunx kompatibbli mas-suq komuni, skond il-proċedura stipulata fil-paragrafu 2.

Kull miżura li tibqa' tapplika wara d-data ta' l-adeżjoni li hija miżura ta' għajnuna mogħtija mill-Istat u li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati hawn qabel, għandha ma' l-adeżjoni tiġi meqjusa bħala għajnuna ġdida għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108(3)] tat-Trattat [TFUE].

[…]"

74. Dunamenti Erőmű tqis li din id-dispożizzjoni ma ssemmix id-data li fiha miżura statali għandha tkun eżaminata fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Hija kienet tirrigwarda biss il-kwistjoni ta' jekk għajnuna li kienet għadha tapplika fil-mument tal-adeżjoni (li, fis-sens komun "teżisti" f'dan il-mument), għandhiex titqies bħala għajnuna eżistenti jew ġdida fir-rigward tal-Att ta' Adeżjoni. Għalhekk, skont Dunamenti Erőmű, miżura li ma kinitx għajnuna fil-mument li ngħatat ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, hija tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu bħala data ta' referenza dik tal-għoti tal-PPA fix-xahar ta' Diċembru 1995.

75. Jien ma naqbilx ma' din l-analiżi li, fil-fehma tiegħi, tħallat id-definizzjoni mogħtija lit-terminu "eżistenti" fl-Att ta' Adeżjoni mat-tifsira ordinarja ta' dan it-terminu. Fil-fatt, għajnuna eżistenti f'dan l-aħħar sens, bħall-PPA li kien diġà mogħti meta ġie eżaminat mill-Kummissjoni, tista' tikkostitwixxi għajnuna ġdida fit-tifsira tal-Att ta' Adeżjoni għas-sempliċi fatt li din ma taqax taħt id-definizzjoni ta' "għajnuna eżistenti" mogħti fl-Att ta' Adeżjoni.

76. Nirreferi għall-punti 60 sa 64 tas-sentenza OTP Bank(C-672/13, EU:C:2015:185) li kienet tirrigwarda lill-istess dispożizzjoni ta' dan l-Att ta' Adeżjoni applikabbli għal garanzija mogħtija mill-Istat Ungeriż fl-2001, jiġifieri tliet snin qabel is-sħubija tagħha fl-Unjoni. Billi l-garanzija inkwistjoni ma kienet tissodisfa l-ebda waħda mit-tliet kundizzjonijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness IV, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din "[kellha], għaldaqstant, fejn xieraq, tiġi kkunsidrata bħala għajnuna ġdida"[19].

77. Bl-istess mod, f'dan il-każ, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 59 tas-sentenza appellata, il-PPA inkwistjoni ma jappartjeni għall-ebda waħda mill-kategoriji ta' għajnuna kkunsidrati bħala eżistenti fl-Artikolu 1(1) tat-Titolu 3 tal-Anness IV għall-Att ta' Adeżjoni. Il-PPA ma daħalx fis-seħħ qabel l-10 ta' Diċembru 1994, ma kienx iċċitat fl-Appendiċi tal-Anness inkwistjoni u ma ġiex eżaminat mill-awtorità Ungeriża inkarigata mis-superviżjoni tal-għajnuna pubblika qabel id-data tal-adeżjoni u kkunsidrat kompatibbli mal-acquis mingħajr oġġezzjoni min-naħa tal-Kummissjoni.

78. Barra minn hekk, jekk titqies data preċedenti, bħad-data tal-għoti tal-PPA inkwistjoni, dan ma jirrispettax ir-rieda tal-awturi tal-Att ta' Adeżjoni li, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 60 tas-sentenza appellata[20], kellhom l-għan li jiddevjaw mill-ġurisprudenza preċedenti tal-qrati tal-Unjoni li tgħid li "tikkostitwixxi għajnuna eżistenti l-għajnuna stabbilita qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat jew tal-adeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat [mal-Unjoni]"[21].

79. Fi kwalunkwe każ, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 65 tas-sentenza appellata, "il-kliem stess tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni jimplika b'mod ċar li miżura li ma kinitx ikkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat, meta ġiet implementata, tista' sussegwentement tiġi kkunsidrata bħala tali"[22].

80. Fil-fatt, kif indikat il-Kummissjoni fil-premessa 165 tad-deċiżjoni kkontestata, "l-PPAs, li kienu ddaħħlu f'ċirkustanzi ekonomiċi sostanzjalment differenti (kif rikonoxxut mill-partijiet interessati) qabel l-adeżjoni fis-suq intern liberalizzat tal-enerġija, [setgħu] jsiru għajnuna mill-Istat fiċ-ċirkustanzi legali u ekonomiċi l-ġodda [li jirriżultaw mill-adeżjoni mal-Unjoni]".

19 — Sentenza OTP Bank (C-672/13, EU:C:2015:185, punt 64). Għandha tiġi nnotata f'dan ir-rigward il-konklużjoni tat-Tribunal ta' arbitraġġ li kkunsidra li Electrabel ma kinitx ipproduċiet il-provi meħtieġa sabiex issostni l-argument tagħha li l-Ungerija kienet kisret l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija meta ma għamlitx dak li kien meħtieġ biex tinkludi l-PPAs fid-definizzjoni ta' għajnuna eżistenti fit-tifsira tal-Anness IV. Ara, f'dan is-sens, *Electrabel S.A. v. The Republic of Hungary* (ICSID Case No. ARB/07/19) Decision on Jurisdiction, Applicable Law and Liability, punt 6.66.

20 — Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65, punt 60).

21 — Sentenza Banco Exterior de España (C-387/92, EU:C:1994:100, punt 19). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Piaggio (C-295/97, EU:C:1999:313, punt 48) u Alzetta *et* vs Il-Kummissjoni (T-298/97, T-312/97, T-313/97, T-315/97, T-600/97 sa T-607/97, T-1/98, T-3/98 sa T-6/98 u T-23/98, EU:T:2000:151, punt 142).

22 — Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65, punt 54).

81. Kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 58 fis-sentenza Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65), "wara d-dħul fis-seħħ tal-PPAs, l-Ungerija, li għall-ewwel aġixxiet fuq inizjattiva tagħha stess, imbagħad billi ttrasponiet il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-suq intern tal-enerġija, bidlet b'mod konsiderevoli l-qafas legali li fih il-produtturi tal-elettriku kienu jeżerċitaw l-attività tagħhom".

82. Għalhekk kienet ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u mbagħad, fil-kuntest tar-rikors għal annullament, dik tal-Qorti Ġenerali li jeżaminaw jekk il-PPAs kinux jikkostitwixxu, fil-mument tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni u fil-kuntest ta' suq tal-enerġija liberalizzat, għajnuna mill-Istat u, jekk ikun il-każ, jekk kinitx għajnuna ġdida jew eżistenti fit-tifsira tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni.

83. Għaldaqstant, inkwantu l-PPA huwa għajnuna, ma hemm l-ebda dubju li jikkostitwixxi għajnuna ġdida fit-tifsira tal-Att ta' Adeżjoni.

2. Fuq it-tieni parti

84. Rigward l-argumenti ta' Dunamenti Erőmű bbażati fuq il-"prassi legali" tal-Kummissjoni u tal-qrati tal-Unjoni, infakkar li, kif tinnota l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrakkomandat id-data tal-adeżjoni bħala d-data ta' referenza.

85. Fil-fatt, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja rigward id-dispożizzjoni tal-Anness V għall-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija (li tikkorrispondi għall-Artikolu 1 tat-Titolu 3 tal-Anness IV għall-Att ta' Adeżjoni tal-Ungerija), "il-miżuri implementati qabel din l-adeżjoni iżda li, minn naħa, huma dejjem applikabbli warajha u li, min-naħa l-oħra, *fid-dat a tal-adeżjoni*, jissodisfaw il-kriterji kumulattivi tal-Artikolu [107](1) [TFUE], huma suġġetti għar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tal-Att ta' Adeżjoni kemm bħala għajnuna eżistenti fis-sens tal-Artikolu [108](1) [TFUE], meta hija taqa' taħt waħda mit-tliet kategoriji msemmija f'dan l-anness, kemm bħala għajnuna ġdida fid-data tal-adeżjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu [108](3) [TFUE], meta din ma taqax taħt waħda minn dawn it-tliet kategoriji" [23].

86. Fil-fehma tiegħi, jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li l-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali applikaw b'mod korrett f'dan il-każ ir-regoli stabbiliti fl-Anness għall-Att ta' Adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni.

87. Fi kwalunkwe każ, kif tenfasizza l-Kummissjoni, l-ebda sentenza tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata minn Dunamenti Erőmű [24] ma tirrigwarda miżuri adottati minn Stat Membru qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni u li baqgħu applikabbli wara din l-adeżjoni. Billi l-kwistjoni tar-rispett tal-limiti ta' żmien tal-kompetenzi tal-Unjoni ma tqajmitx f'dawn il-kawżi, ma huwiex wisq sorprendenti li l-qrati tal-Unjoni ddeċidew li l-eżistenza tal-għajnuna kellha tkun ivvalutata fil-mument tal-għoti tagħha.

23 — Ara s-sentenza Kremikovtzi (C-262/11, EU:C:2012:760, punt 52). Enfasi miżjuda minni. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Rousse Industry vs Il-Kummissjoni (T-489/11, EU:T:2013:144, punti 61 sa 64, 66 u 67).

24 — Ara s-sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 71 u 76 sa 83); Il-Kummissjoni vs EDF (C-124/10 P, EU:C:2012:318, punt 104); Cityflyer Express vs Il-Kummissjoni (T-16/96, EU:T:1998:78, punt 76); Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni (T-228/99 u T-233/99, EU:T:2003:57, punt 246), kif ukoll Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (T-29/10 u T-33/10, EU:T:2012:98, punt 78).

88. Rigward il-prassi tal-Kummissjoni, li kienet tikkonsisti [25] fl-analiżi ta' miżura ta' għajnuna mogħtija qabel l-adeżjoni ta' Stat Membru waqt li jiġu kkunsidrati wkoll elementi preċedenti għall-adeżjoni, ninnota li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ċċitati minn Dunamenti Erőmű [26] ma jsostnux it-teżi ta' Dunamenti Erőmű li d-data ta' referenza għandha tkun dik tal-għoti tal-għajnuna inkwistjoni.

89. F'dak li jirrigwarda l-ewwel nett id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/214 fil-każ GE Capital Bank, il-miżura ta' għajnuna inkwistjoni kienet tikkonsisti f'garanziji, kollateral u wegħdiet ta' kumpens kif ukoll opzjoni ta' bejgħ mogħtija mill-Istat Ċek bħala parti mir-ristrutturar u l-ipprivatizzar tal-bank AGB.

90. Għalkemm dawn il-miżuri kienu ngħataw qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka mal-Unjoni, huma baqgħu "applikabbli wara l-adeżjoni" [27] fis-sens li l-benefiċjarji setgħu jibqgħu jgawdu minnhom wara l-adeżjoni. Id-data ta' referenza li ħadet il-Kummissjoni kienet fil-fatt dik tal-adeżjoni.

91. Il-miżura ta' għajnuna inkwistjoni fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/174 fil-każ Postabank kienet tikkonsisti f'indennizz għal pretensjonijiet mhux magħrufin mogħti mill-Istat Ungeriż bħala parti mir-ristrutturar u l-ipprivatizzar ta' Postabank lix-xerrej tiegħu Erste Bank.

92. Kif stmat il-Kummissjoni fil-punt 47 tad-deċiżjoni tagħha, din kienet miżura li baqgħet applikabbli wara l-adeżjoni u li kellha, bħal f'dan il-każ, titqies bħala għajnuna ġdida fit-tifsira tal-istess Att ta' Adeżjoni.

93. L-istess jgħodd għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/690 fil-każ PZL Hydral li fil-kuntest ta' pjan ta' salvataġġ ta' din il-kumpannija kienet tirrigwarda, fost miżuri oħrajn ta' għajnuna, in-nuqqas ta' infurzar għall-perijodu ta' bejn l-1998 u l-2007 ta' ammonti riċevibbli mingħand il-krediturі pubbliċi ta' PZL Hydral.

94. Minkejja l-fatt li l-ammonti riċevibbli mhux infurzati kienu dovuti qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni, iżda baqgħu infurzabbli wara l-adeżjoni tagħha, din il-miżura kienet tagħmel parti minn pjan ta' salvataġġ implementat fl-2007, jiġifieri tliet snin wara l-adeżjoni. Jirriżulta minn dan li d-data ta' referenza f'dan il-każ kienet ukoll dik tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni u mhux dik ta' meta ngħatat l-għajnuna inkwistjoni.

95. Għandu jiġi nnotat li f'dawn id-deċiżjonijiet kollha, il-Kummissjoni kkunsidrat elementi li seħħew qabel l-adeżjoni, ħaġa li Dunamenti Erőmű takkużha li ma għamlitx fil-każ tagħha. Madankollu, dan il-każ jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk, f'każijiet bħal dak inkwistjoni, il-Kummissjoni għandhiex, meta tapplika l-kriterju tal-investitur privat, tikkunsidra fatti li seħħew qabel l-adeżjoni, bħall-ipprivatizzar u l-għanijiet tagħha kif ukoll ir-rabta intrinsika bejn din u l-PPA. Din il-kwistjoni (li ser nindirizza fil-kuntest tat-tielet aggravju) hija differenti minn dik dwar liema data ta' referenza għandha tintgħażel sabiex jiġi deċiż jekk miżura tal-Istat tikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat.

96. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

25 — Li huwa kemxejn paradossali meta wieħed jaqra t-teżi tal-Kummissjoni f'din il-kawża (ara l-analiżi tiegħi tat-tielet parti tat-tielet aggravju fil-punti 125 sa 127 ta' dawn il-konklużjonijiet).

26 — Dawn huma d-Deċiżjonijiet 2008/214/KE, tat-18 ta' Lulju 2007, dwar l-għajnuna statali Ċ 27/04 li r-Repubblika Ċeka implimentat għal GE Capital Bank a.s. u GE Capital International Holdings Corporation, l-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 67, p. 3); 2009/174/KE, tal-21 ta' Ottubru 2008, dwar il-Miżura Nru C 35/04 implimentata mill-Ungerija għall-Postabank u t-Takarékpénztár Rt./Erste Bank Hungary Nyrt. (ĠU L 62, p. 14); 2010/690/UE, tal-4 ta' Awwissu 2010, dwar għajnuna mill-Istat C 40/08 (ex N 163/08) implimentata mill-Polonja għal PZL Hydral S.A. (ĠU L 298, p. 51).

27 — Deċiżjoni 2008/214, punt 58.

F – *Fuq it-tielet aggravju li jallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta kkunsidrat li l-PPA inkwistjoni kien jagħti vantaġġ lil Dunamenti Erőmű fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE*

97. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Dunamenti Erőmű tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fil-punti 67 sa 70 tas-sentenza appellata, meta eskludiet mill-evalwazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' għajnuna l-ipprivatizzar ta' Dunamenti Erőmű minħabba l-għażla tal-1 ta' Mejju 2004 bħala d-data ta' referenza. Skont Dunamenti Erőmű, l-analiżi biex jiġi ddeterminat jekk il-PPA inkwistjoni kienx għajnuna mill-Istat ma setgħetx issir legalment, mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-ipprivatizzar u l-kuntest tagħha, peress li l-PPA kien miżura preliminari għall-ipprivatizzar u, għalhekk, kien parti integrali mill-miżuri kollha ta' ipprivatizzar.

98. Imbagħad, fil-punti 49 sa 66 tal-appell, Dunamenti Erőmű tressaq tliet argumenti sabiex turi li kieku ċ-ċirkustanzi tal-ipprivatizzar ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali, din kienet tiddeċiedi li l-PPA ma kienx jikkostitwixxi vantaġġ jew li fi kwalunkwe każ Dunamenti Erőmű ma baqgħetx iżżomm dan il-vantaġġ.

99. Fl-ewwel lok, MVM kienet aġixxiet bħala investitur privat li fittex li jimmassimizza l-qligħ iġġenerat mill-bejgħ ta' Dunamenti Erőmű (punti 49 sa 54 tal-appell).

100. Fit-tieni lok, anki jekk il-PPA kien jinkludi vantaġġ, l-akkwist ta' Dunamenti Erőmű minn Electrabel, wara l-proċedura tas-sejħa għal offerti, ikkumpensa l-vantaġġ allegat (punti 55 sa 62 tal-appell).

101. Fit-tielet lok, l-adeżjoni tal-Ungerija ma biddlitx il-konnessjonijiet bejn il-PPA u l-ipprivatizzar ta' Dunamenti Erőmű u ma kellha l-ebda effett fuq il-fatt li l-PPA ma kien jagħti l-ebda vantaġġ lil Dunamenti Erőmű (punti 63 sa 67 tal-appell moqrija flimkien mal-punti 41 sa 62 ta' dan l-appell).

1. Fuq l-ammissibbiltà

102. Skont il-Kummissjoni, it-tielet aggravju jirrigwarda kwistjoni ta' fatt u għalhekk huwa inammissibbli. Billi kkunsidrat kif suppost id-data tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni bħala d-data ta' referenza sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' għajnuna, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament fil-punti 68 sa 70 tas-sentenza appellata li d-determinazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ mogħti mill-PPA lil Dunamenti Erőmű kellha tkun assoċjata biss ma' din id-data u mal-iżviluppi tas-sitwazzjoni prevedibbli f'din l-istess data.

103. Jien ma naqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li, fil-fehma tiegħi, hija bbażata fuq qari żbaljat tal-appell. Fil-fatt, dan l-aggravju ma jirrigwardax il-kwistjoni ta' liema elementi jistgħu jkunu relatati mal-perijodu li jibda mill-1 ta' Mejju 2004, iżda l-kwistjoni li, anki jekk l-1 ta' Mejju 2004 hija d-data ta' referenza, il-Qorti Ġenerali setgħet, ġustament, teskludi ċerti elementi mill-evalwazzjoni tagħha, u b'mod partikolari r-rabta intrinsika bejn l-ipprivatizzar u l-PPA inkwistjoni, sempliċement għax kienu anteċedenti għal din id-data.

2. Fuq il-mertu

a) Fuq it-tielet parti rigward ir-rifjut tal-Qorti Ġenerali li tikkunsidra, waqt ir-reviżjoni tagħha tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-kwistjoni tal-eżistenza ta' għajnuna, iċ-ċirkustanzi tal-ipprivatizzar ta' Dunamenti Erőmű minħabba li seħħew qabel id-data tal-adeżjoni.

104. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Dunamenti Erőmű targumenta li fil-punti 68 sa 70 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li l-argumenti tagħha stabbiliti fil-punt 67 tas-sentenza appellata, "ibbażati sostanzjalment fuq iċ-ċirkustanzi tal-ipprivatizzar mwettqa f'nofs is-snin disgħin, kellhom ikunu miċħuda f'dak li jirrigwarda l-perijodu rilevanti għall-valutazzjoni tal-PPAs li jibdew mill-1 ta' Mejju 2004" [28].

105. Għandu jiġi nnotat, preliminarjament, li la l-Kummissjoni u lanqas il-Qorti Ġenerali ma kkontestaw ir-rabta intrinsika bejn l-għoti tal-PPA lil Dunamenti Erőmű u l-ipprivatizzar tagħha. Fil-fatt, il-Kummissjoni rrikonoxxiet, fil-premessa 174 tad-deċiżjoni kkontestata, li "ħafna mill-produtturi tal-enerġija rrikonoxxew […] li huma ma kinux ikunu jistgħu jinvestu f'dawk l-impjanti mingħajr il-garanziji offruti mill-PPAs", b'wieħed minn dawn il-produtturi jsostni li "[l]-PPAs [kienu] element importanti għall-banek sabiex jiffinanzjaw l-investiment u jipprefinanzjaw l-ispejjeż operattivi fuq bażi kontinwa".

106. Fil-punt 186 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tindika li "fiċ-ċirkustanzi tas-suq ta' nofs is-snin disgħin fl-Ungerija, il-prinċipju ewlieni tal-PPAs, jiġifieri l-garanzija tal-profitt fuq l-investiment, kienet il-kundizzjoni essenzjali li biha setgħu jsiru l-investimenti meħtieġa".

107. Kif diġà spjegajt fil-punti 5 sa 11 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa ċar li l-għoti tal-PPAs lill-impjanti tal-enerġija u l-ipprivatizzar kienu jagħmlu parti mill-istess operazzjoni u li ma jistax jiġi eżaminat wieħed mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-ieħor.

108. Dunamenti Erőmű tikkritika għalhekk lill-Qorti Ġenerali li vvalidat l-approċċ tal-Kummissjoni li kien jikkonsisti, minn naħa, li tirrikonoxxi li, fil-kuntest tal-ipprivatizzar, il-PPA kien "kundizzjoni fundamentali" tal-bejgħ produttiv jew "f'kundizzjonijiet tas-suq" ta' Dunamenti Erőmű u, min-naħa l-oħra, li tinjora għal kollox din il-"kundizzjoni fundamentali" fl-istess valutazzjoni tal-PPA fid-dawl tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u li b'hekk applikat b'mod ħażin il-kriterju tal-investitur privat.

109. Skont il-Kummissjoni, dan l-argument għandu jiġi miċħud jekk il-Qorti Ġenerali kienet fondata meta kkonstatat li d-data ta' referenza rilevanti kienet dik tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni, f'liema każ ma jkunx pertinenti li jiġu kkunsidrati l-operazzjonijiet li seħħew kważi għaxar snin qabel din id-data.

110. Skont l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fis-seduta, "jekk inkunu pjuttost skjetti, dak li jseħħ fl-Istat Membru qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni huwa irrilevanti mill-perspettiva tas-suġġett tal-għajnuna mill-Istat, ħlief jekk dan jaffettwa s-suq intern wara l-adeżjoni" [29]. Skont il-Kummissjoni, l-esklużjoni ta' kwalunkwe element fattwali li jkun seħħ qabel id-data ta' adeżjoni, b'mod partikolari jekk jirrigwarda l-għanijiet segwiti minn MVM fl-ipprivatizzar tal-1995, hija għażla ddettata mill-Att ta' Adeżjoni u r-rieda tal-awturi tiegħu li jridu jiġu rrispettati.

111. Jiena ma naqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

28 — Punt 68.

29 — Traduzzjoni tiegħi ("It is a matter of indifference, to be quite brutal, as to what happens in the acceding Member State in the period prior to accession from the point of view of the State aid discipline, unless it spills over into the internal market after the accession has taken place").

112. Fil-fehma tiegħi, l-utilità tad-data tal-adeżjoni bħala data ta' referenza hija l-ewwel nett sabiex jiġi identifikat il-mument li fih jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-miżura li tista' tkun għajnuna mill-Istat għadhiex applikabbli jew le. Jekk ma għadhiex, ma tistax tiġi analizzata mill-Kummissjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat [30].

113. Meta, bħal f'dan il-każ, il-miżura inkwistjoni tkun għadha applikabbli fl-adeżjoni, id-data ta' referenza sservi wkoll biex jiġi identifikat il-mument li fih irid jiġi vvalutat jekk tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, fl-għarfien li miżura li ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat meta tkun ingħatat tista' ssir hekk iktar tard minħabba tibdil fl-istruttura tas-suq ikkonċernat [31].

114. Għall-kuntrarju, meta d-data tal-adeżjoni tittieħed bħala data ta' referenza dan ma jeskludix fih innifsu u awtomatikament, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 68 sa 70 tas-sentenza appellata, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi li jkunu seħħew qabel din id-data li jkunu rilevanti għall-applikazzjoni korretta tal-kriterju tal-investitur privat.

115. Il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk enfasizzat, ċertament barra mill-kuntest speċifiku ta' adeżjoni, l-importanza ta' evalwazzjoni globali tal-fatti rilevanti kollha meta jiġi applikat il-kriterju tal-investitur privat. B'hekk, fil-punt 86 tas-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs EDF (C-124/10 P, EU:C:2012:318), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "huwa l-obbligu [tal-Kummissjoni] li twettaq *evalwazzjoni globali* filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni, minbarra l-provi prodotti mill-Istat Membru kkonċernat, kwalunkwe prova oħra rilevanti f'dan il-każ li tippermettilha tiddetermina jekk il-miżura inkwistjoni tirriżultax mill-kwalità tal-imsemmi Stat Membru ta' azzjonist jew minn dik ta' awtorità pubblika. B'mod partikolari, *f'dan ir-rigward jistgħu jkunu rilevanti*, […] in-natura u l-iskop ta' din il-miżura, *il-kuntest li din tiġi adottata fih kif ukoll l-għan imfittex* u r-regoli li għalihom hija suġġetta l-imsemmija miżura" [32].

116. Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement żiedet fil-punti 104 u 105 ta' dik is-sentenza li "[il-Kummissjoni] tista' tirrifjuta li teżamina tali informazzjoni biss jekk il-provi prodotti jkunu ġew stabbiliti *wara* l-adozzjoni tad-deċiżjoni li twettaq l-investiment inkwistjoni" u li "huma biss rilevanti l-provi disponibbli u l-iżviluppi prevedibbli fil-mument meta d-deċiżjoni li jitwettaq l-investiment tkun ittieħdet [anki meta] *bħal f'dan il-każ, il-Kummissjoni teżamina l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat meta mqabbla ma' investiment li ma ġiex innotifikat lilha u li diġà twettaq mill-Istat Membru kkonċernat fil-mument meta hija twettaq l-eżami tagħha*" [33].

117. Fil-punt 41 tas-sentenza L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252), fl-evalwazzjoni tagħha tal-kriterju tal-investitur privat rigward operazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni li seħħet fl-1994, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni r-riżultat nett tas-sena fiskali tal-1993 u l-fatt li "dan ir-riżultat kien parti minn riċessjoni ekonomika li kkawżat tnaqqis fit-tkabbir, tisħiħ tal-kompetizzjoni u tnaqqis qawwi fil-prezzijiet fis-settur Ewropew tal-prodott elettroniċi għall-konsumatur, li l-waqgħa tiegħu bdiet fl-1992" biex tikkonkludi li investitur privat ma kienx jagħmel l-injezzjonijiet ta' kapital inkwistjoni.

118. Ukoll f'kuntest mhux marbut ma' adeżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat deċiżjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari, għaliex "il-Kummissjoni [kienet] applikat b'mod żbaljat il-kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq peress li ma [kinitx] eżaminat is-self u l-garanzija mogħtija lil Stardust fil-kuntest taż-żmien meta dawn ingħataw" [34].

30 — Ara *a contrario*, id-Deċiżjonijiet 2008/214; 2009/174; 2010/690.

31 — Ara l-punti 79 sa 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 — Enfasi miżjuda minni. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252, punt 41).

33 — Enfasi miżjuda minni.

34 — Sentenza Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 81).

119. Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll f'każ, bħal dak preżenti, li l-miżura inkwistjoni ngħatat qabel l-adeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat mal-Unjoni. Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat mill-Kummissjoni u l-approvazzjoni tagħha mill-Qorti Ġenerali u l-analiżi tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat li tirriżulta minnha jirriskjaw li jsiru artifiċjali, kieku kellhom jiġu eskluży elementi rilevanti, kif sostniet il-Qorti Ġenerali fil-punti 68 sa 70 tas-sentenza appellata, għas-sempliċi raġuni li jaqgħu f'perijodu qabel għall-adeżjoni.

120. Din l-artifiċjalità tikkonsisti f'li wieħed jistaqsi, meta japplika l-kriterju tal-investitur privat, "jekk fil-kundizzjonijiet prevalenti meta l-Ungerija ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, operatur fis-suq kienx jagħti lill-produtturi garanzija simili għal dik inkluża fil-PPAs" [35] mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni operatur tas-suq ipotetiku li ried, bħall-Istat Ungeriż fl-1995, ibiegħ impjant tal-enerġija fi stat fiżiku u finanzjarju tali li l-ebda investitur ma seta' jkollu biżżejjed garanziji biex jissokta l-attivitajiet tiegħu u jkollu viżibbiltà fit-tul tal-investimenti tiegħu, waqt li jkompli fl-għanijiet tiegħu ta' privatizzazzjoni spjegati fil-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

121. Madankollu, għalkemm fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, wieħed irid jistaqsi jekk, fil-mument tal-adeżjoni, operatur tas-suq ipotetiku kienx jaġixxi kif aġixxa l-Istat, ma huwiex possibbli li wieħed jeskludi ċirkustanzi fattwali rilevanti li ddettaw l-għoti tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni għas-sempliċi raġuni li seħħew qabel id-data ta' adeżjoni, peress li dan iqiegħed lill-Istat u lill-operatur tas-suq ipotetiku f'pożizzjonijiet differenti, li bilfors iwasslu lil kull wieħed minnhom biex jagħmel għażliet differenti.

122. Dan jimplika li applikazzjoni korretta tal-kriterju tal-investitur privat tikkonsisti f'li wieħed jistaqsi x'kien jagħmel operatur tas-suq ipotetiku, iffaċċjat biċ-ċirkustanzi ekonomiċi tal-1995, f'suq li kien ser jiġi liberalizzat [36], fl-1 ta' Mejju 2004 biex ibiegħ lil Dunamenti Erőmű għall-aħjar prezz filwaqt li jfittex l-istess għanijiet ekonomiċi u kummerċjali tal-Istat Ungeriż fl-1995, jiġifieri jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista bl-iktar prezz baxx possibbli, jimmodernizza l-infrastruttura f'konformità mal-istandards ta' protezzjoni ambjentali fis-seħħ u jagħmel ir-ristrutturar meħtieġ tas-settur tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

123. Għall-kuntrarju ta' dak li allegat il-Kummissjoni waqt is-seduta, ma nqisx li din l-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat tmur kontra l-att ta' adeżjoni jew ir-rieda tal-awturi tagħha. Fil-fatt, għalkemm il-PPA għandha titqies bħala għajnuna ġdida fit-tifsira ta' dan l-att, jiġifieri għajnuna mogħtija għall-ewwel darba fl-1 ta' Mejju 2004, ma hemm xejn f'dan l-att li jżomm lill-Kummissjoni milli tieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet ekonomiċi u kummerċjali li kellha MVM permezz tal-għoti tal-PPA fl-applikazzjoni ta' dan il-kriterju.

124. Għaldaqstant, jien inqis li elementi rilevanti li seħħew qabel l-adeżjoni jistgħu jiġu kkunsidrati meta wieħed japplika l-kriterju tal-investitur privat fil-mument tal-adeżjoni.

35 — Punt 177 tad-deċiżjoni kkontestata.

36 — Il-proċess lejn il-liberalizzazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija beda bid-Direttiva 96/92 li kienet maħsuba li tiftaħ is-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni. It-termini tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku kienu ġew stabbiliti mid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211) li għandha tiġi trasposta sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 2004 fir-rigward tal-klijenti mhux residenzjali u l-1 ta' Lulju 2007 għall-klijenti residenzjali. Fid-data ta' referenza għalhekk, is-suq tal-elettriku Ungeriż kien ser jiġi liberalizzat.

125. B'mod paradossali, u kif diġà indikajt [37] bħal ma għamlet Dunamenti Erőmű fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha, din it-teżi tikkorrispondi għall-prassi tal-Kummissjoni li tinsab b'mod partikolari fid-deċiżjonijiet tagħha GE Capital Bank, Postabank u PZL Hydral, fejn il-Kummissjoni sistematikament ikkunsidrat waqt il-valutazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' għajnuna ċirkustanzi fattwali li kienu seħħew qabel id-data ta' referenza [38], jiġifieri d-data tal-adeżjoni tal-Istati Membri kkonċernati.

126. Nirreferi b'mod iktar speċifiku għad-Deċiżjoni 2009/174 fil-każ Postabank li wkoll kienet tirrigwarda miżura ta' għajnuna implementata mill-Ungerija qabel l-adeżjoni tagħha. Fil-punti 55 u 56 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat, ġustament fil-fehma tiegħi, li "[w]aqt il-valutazzjoni tal-azzjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi fid-dawl tal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq fl-2003, kien innotat li l-Kummissjoni ma tpoġġix f'dubju l-mod kif il-Postabnk kien ipprivatizzat u tirrikonoxxi li nbiegħ lill-ogħla offerent bi proċedura ta' sejħa għall-offerti" u li "Madankollu, dan il-fatt mhuwiex kondizzjoni suffiċjenti biex tkun eskluża l-eżistenza ta' vantaġġ" [39].

127. Fil-fehma tiegħi, din is-silta tirrappreżenta l-pożizzjoni korretta, jiġifieri li f'każ bħal dak preżenti ċ-ċirkustanzi rilevanti li huma rilevanti u li jkunu seħħu qabel l-adeżjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi applikat il-kriterju tal-investitur privat mingħajr ma dan ikun fih innifsu biżżejjed biex jeskludi l-preżenza ta' vantaġġ.

128. Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li meta ċaħdet l-argumenti ta' Dunamenti Erőmű bbażati fuq in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tar-rabta intrinsika bejn il-PPA u l-ipprivatizzar waqt il-monitoraġġ tagħha tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat għas-sempliċi raġuni li dan l-element seħħ qabel id-data ta' adeżjoni tal-Ungerija, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, u s-sentenza tagħha għandha tkun annullata f'dan ir-rigward.

b) Fuq l-ewwel parti li tirrigwarda l-eżistenza ta' vantaġġ għal Dunamenti Erőmű minħabba li ngħatat PPA minn MVM li b'dan, aġixxiet bħala investitur privat li jfittex li jimmassimizza l-profitt iġġenerat mill-bejgħ ta' Dunamenti Erőmű

129. Skont Dunamenti Erőmű, la hi u lanqas Electrabel ma ħadu xi vantaġġ mill-PPA minħabba li meta kkonkludiet il-PPA ma' Dunamenti Erőmű fl-10 ta' Ottubru 1995, MVM kienet sempliċement ippruvat timmassimizza d-dħul mill-bejgħ ta' Dunamenti Erőmű, kif jagħmel operatur privat.

130. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat peress li l-fatt li Dunamenti Erőmű ġiet ipprivatizzata permezz ta' sejħa għal offerti miftuħa u kompetittiva u li ntagħżlet l-ogħla offerta (jiġifieri dik ta' Electrabel) huma kunsiderazzjonijiet rilevanti biss kieku l-miżura li setgħet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat kienet il-bejgħ ta' Dunamenti Erőmű nnifisha. Iżda dan ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li l-miżura inkwistjoni kienet il-PPA mogħti minn MVM lil Dunamenti Erőmű.

131. Barra minn hekk, kif tgħid il-Kummissjoni, hemm konfużjoni min-naħa ta' Dunamenti Erőmű bejn l-eżistenza ta' vantaġġ għal Electrabel bħala xerrej ta' Dunamenti Erőmű u l-vantaġġ għaliha stess. Tabilħaqq, il-fatt li ma hemm l-ebda vantaġġ għal Electrabel ma jeskludix li hemm wieħed għal Dunamenti Erőmű.

37 — Ara l-punti 89 sa 94 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 81 u 82 tad-Deċiżjoni 2008/214, il-punt 57 tad-Deċiżjoni 2009/174 u l-punti 169 *et seq.* tad-Deċiżjoni 2010/690.

39 — Ma narax għaliex, kif tqis il-Qorti Ġenerali, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ Postabank hija inutli f'dan il-kuntest sempliċement għaliex tirrigwarda każ speċifiku u ma għandha l-ebda konnessjoni mad-deċiżjoni kkontestata (sentenza Tisza Erőmű vs Il-Kummissjoni, T-468/08, EU:T:2014:235, punt 89).

132. Fil-fehma tiegħi l-argumenti ta' Dunamenti Erőmű bbażati fuq is-sentenza AceaElectrabel vs Il-Kummissjoni (T-303/05, EU:T:2009:312) li huma maħsuba biex juru li Electrabel u Dunamenti Erőmű kienu jiffurmaw entità ekonomika waħda b'ebda mod ma jaffetwaw l-analiżi ta' hawn fuq. Fil-fatt, anki jekk Electrabel u Dunamenti Erőmű kellhom jitqiesu bħala entità ekonomika waħda, dan ma jeskludix l-eżistenza ta' vantaġġ għal din l-entità li bbenefikat mill-PPAs.

133. Għaldaqstant, meta ċaħdet l-argument ta' Dunamenti Erőmű bbażat fuq il-fatt li meta tat il-PPA inkwistjoni lil Dunamenti Erőmű, MVM aġixxiet bħala investitur privat li jfittex li jimmassimizza l-profitt iġġenerat mill-bejgħ tagħha, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi.

c) Fuq it-tieni parti rigward il-kwistjoni jekk l-għajnuna għandhiex tkun irkuprata mingħand l-impriża mibjugħa jew mingħand il-bejjiegħ meta l-prezz tal-ipprivatizzar jinkludi l-valur tal-għajnuna

i) L-argumenti tal-partijiet

134. Skont Dunamenti Erőmű, anki jekk ingħatalha vantaġġ qabel l-ipprivatizzar tagħha, ix-xerrej tagħha ħallas lura dan il-vantaġġ lill-Istat Ungeriż peress li l-PPA kien inkluż fil-prezz imħallas lill-Istat mix-xerrej meta Dunamenti Erőmű ġiet ipprivatizzata permezz ta' sejħa għal offerti.

135. Dunamenti Erőmű tibbaża fuq il-punt 78 tas-sentenza Banks (C-390/98, EU:C:2001:456) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "bħala prinċipju, meta kumpannija li tkun ibbenefikat minn għajnuna tkun inbiegħet bil-prezz tas-suq, il-prezz tal-bejgħ jirrifletti l-konsegwenzi tal-għajnuna preċedenti u huwa l-bejjiegħ ta' dik il-kumpannija li jżomm il-benefiċċju tal-għajnuna. F'dan il-każ, is-sitwazzjoni preċedenti għandha tiġi rrestawrata primarjament permezz tar-rimbors tal-għajnuna mill-bejjiegħ".

136. Fuq din il-bażi, Dunamenti Erőmű tikkonkludi li peress li l-PPA ġie vvalutat fil-prezz tal-ipprivatizzar mħallas lill-Istat Ungeriż, huwa dan tal-aħħar li żamm il-vantaġġ u għaldaqstant ma setgħetx titqies bħala benefiċjarja ta' vantaġġ li ġej minn riżorsi tal-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

137. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tqis li Dunamenti Erőmű qiegħda tfixkel l-għajnuna mogħtija lil entità akkwistata (benefiċjarja ta' għajnuna) u l-għajnuna mogħtija lix-xerrej ta' din l-entità.

138. Bil-kwalifika tal-punt 78 tas-sentenza Banks (C-390/98, EU:C:2001:456) ta' "*obiter dictum*", il-Kummissjoni tibbaża għall-kuntrarju fuq il-punt 81 tas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "f'dan il-każ, l-impriża li lilha ngħatat għajnuna mill-Istat illegali żżomm il-personalità legali u tkompli twettaq, f'isimha stess, l-attivitajiet issussidjati mill-għajnuna mill-Istat", u ddeċidiet li għalhekk "hija normalment din l-impriża li żżomm il-vantaġġ kompetittiv marbut ma' dik l-għajnuna u hija għalhekk din l-impriża li għandha tintalab tħallas lura ammont ugwali għal dak ta' dik l-għajnuna. Għaldaqstant ix-xerrej ma jistax jintalab iħallas lura tali għajnuna".

139. Skont il-Kummissjoni, fis-sentenza tagħha Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni ċara mis-sentenza Banks (C-390/98, EU:C:2001:456).

ii) Evalwazzjoni

– Osservazzjonijiet preliminari

140. B'mod preliminari, ninnota li s-sentenzi Banks (C-390/98, EU:C:2001:456) u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) jirrigwardaw it-tnejn li huma l-identifikazzjoni tal-persuna mingħand min għandha tiġi rkuprata l-għajnuna u mhux dik tal-eżistenza ta' għajnuna.

141. Għaldaqstant, anki jekk Dunamenti Erőmű tressaq l-argumenti tagħha taħt it-tielet aggravju li jirrigwarda l-eżistenza ta' għajnuna, dawn jikkostitwixxu fir-realtà aggravju separat li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tindirizza anki jekk, kuntrarjament għal dak li nipproponi fil-punt 128 ta' dawn il-konklużjonijiet, hija tiddeċiedi li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tiċħad l-argumenti bbażati fuq in-nuqqas ta' kkunsidrar tar-rabta intrinsika bejn il-PPA u l-ipprivatizzar ta' Dunamenti Erőmű fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat.

142. Fil-fatt, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix il-proposta tiegħi, żgur hemm għajnuna li l-Ungerija jkollha twaqqaf u tirkupra. Jekk għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-proposta tiegħi, ma huwiex eskluż li applikazzjoni korretta tal-kriterju tal-investitur privat twassal għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna, tal-istess ammont jew ta' ammont differenti.

143. Jeħtieġ għalhekk fiż-żewġ każijiet li jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna inkwistjoni għandhiex tiġi rkuprata mingħand l-impriża mibjugħa, li hija l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, jew mingħand il-bejjiegħ, li hija l-pożizzjoni ta' Dunamenti Erőmű, bl-intendiment li "ix-xerrej ma jistax jintalab iħallas lura tali għajnuna" [40] f'każ li l-impriża benefiċjarja tal-għajnuna nbiegħet skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

– L-obbligu tar-rimbors tal-għajnuna għandu jaqa' fuq dak li jżomm il-vantaġġ kompetittiv li tkun ipprovdiet

144. Huwa ċar li s-sentenzi Banks (C-390/98, EU:C:2001:456) u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) isostnu proposti apparentement kontradittorji. L-uniku punt li fuqu jaqblu huwa li x-xerrej ma jistax ikun responsabbli għar-rimbors tal-għajnuna [41].

145. Għalkemm huwa minnu li s-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) hija sussegwenti għas-sentenza Banks (C-390/98, EU:C:2001:456), din ngħatat minn awla ta' ħames imħallfin, jiġifieri s-sitt awla, filwaqt li s-sentenza Banks ingħatat minn formazzjoni ta' ħdax-il imħallef (l-"Awla Manja" ta' dak iż-żmien) u mbagħad ġiet iċċitata f'diversi okkażjonijiet [42].

146. Kif qal l-Avukat Ġenerali Tizzano fil-punt 82 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2003:354), "il-Qorti tal-Ġustizzja trid tiddeċiedi bejn żewġ pożizzjonijiet: dik li l-għajnuna għandha fi kwalunkwe każ tintradd lura mill-kumpannija benefiċjarja u dik li, jekk l-ishma nbiegħu bi prezz li jirrispetta l-valur tas-suq ta' dik il-kumpannija wara l-għoti ta' għajnuna, dawn għandhom jintraddu lura mill-bejjiegħ".

147. Wara s-sentenza tagħha Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238), il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet issib bilanċ bejn dawn l-istess żewġ pożizzjonijiet. Wara li indikat fil-punt 58 tas-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619), li "[wara li l-benefiċjarju jkun waqqaf l-attività tiegħu u biegħ l-assi tiegħu,] l-element tal-għajnuna jkun ġie evalwat bil-prezz

40 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238, punt 81). Ara wkoll, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619, punt 16.)

41 — Ara s-sentenzi Banks (C-390/98, EU:C:2001:456, punt 77) u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238, punt 80).

42 — Ara s-sentenzi Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punt 180); L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252, punt 83) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Franza (C-37/14, EU:C:2015:90, punt 83).

tas-suq u inkluż fil-prezz tax-xiri, […] x-xerrej ma jistax jitqies li bbenefika minn vantaġġ meta mqabbel mal-operaturi l-oħra fis-suq (sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni […] punt 80)", hija ddeċidiet fil-punt 83 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-37/14, EU:C:2015:90) li l-bejgħ tal-benefiċjarju tal-għajnuna f'kundizzjonijiet tas-suq "anki jekk wieħed jassumi li sar, ma jaffettwax, bħala tali, l-obbligu tal-irkupru, billi l-Istat Membru kkonċernat jibqa' obbligat li jagħmel dan l-irkupru, *skont il-każ*, mingħand l-impriża mibjugħa (sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-277/00, EU:C:2004:238, punt 81) jew mingħand il-bejjiegħ (sentenzi Banks, C-390/98, EU:C:2001:456, punt 78, kif ukoll Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punt 180)"[43], filwaqt li dejjem tħalli miftuħa l-possibbiltà li jirkupra l-għajnuna kemm mingħand il-bejjiegħ, kif ukoll mingħand l-impriża mibjugħa, mingħajr ma tagħti kriterju ta' distinzjoni biex tapplika l-espressjoni tagħha "skont il-każ".

148. Biex l-affarijiet ikomplu jikkumplikaw ruħhom, il-fatt li s-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) kienet tirrigwarda żewġ għajnuniet, waħda mogħtija lil kumpannija li kienu nbiegħu l-ishma tagħha ("share deal") u l-oħra lil kumpannija li nbiegħu l-assi tagħha ("asset deal")[44], ħoloq l-impressjoni li kellha ssir distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' bejgħ.

149. Huwa għalhekk li fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:343), l-Avukat Ġenerali Sharpston ipprovat tispjega d-differenza bejn is-sentenzi Banks (C-390/98, EU:C:2001:456) u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) bil-fatt li "[il-]Kawża Banks [kienet tikkonċerna] l-bejgħ ta' ishma. Il-kawża preżenti tikkonċerna assi, u l-eżami xieraq huwa dak li ġie stabbilit f' Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat l-approċċ li ġie stabbilit f'Banks, immodifikat dak l-approċċ għall-pekuljaretajiet ta' xiri ta' assi pjuttost milli ta' ishma u applikat l-approċċ immodifikat għal bejgħ ta' assi. Ma nara l-ebda raġuni għalfejn wieħed m'għandux japplika l-approċċ li ġie stabbilit f' Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni".

150. L-inċertezza tikber iktar meta wieħed janalizza l-pożizzjonijiet differenti, u saħansitra kontradittorji, adottati mill-Kummissjoni fil-diversi każijiet tagħha.

151. Għalhekk fil-punt 38 tar-replika tagħha fil-kawża li wasslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619), il-Kummissjoni "[kienet tal-fehma li] huwa xieraq li jiġi mfakkar li, fil-preżenza ta' trasferiment ta' assi (Asset deal) għall-kuntrarju ta' trasferiment ta' ishma (Share deal), [kien] importanti li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet finanzjarji ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Meta jkun hemm bejgħ ta' assi f'kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-element ta' għajnuna ġie vvalutat fil-prezz tas-suq u inkluż fil-prezz tax-xiri, b'mod li x-xerrej tal-assi ma jistax bħala prinċipju jitqies li bbenefika minn xi vantaġġ, billi l-benefiċċju tal-għajnuna jibqa' f'idejn iċ-ċedent".

152. Fil-punti 87 sa 89 tar-rikors tagħha fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (C-37/14, EU:C:2015:90), il-Kummissjoni argumentat, dwar bejgħ "tal-ishma kollha jew parti mill-ishma ta' kumpannija benefiċjarja"[45], li "wara l-bejgħ ta' kumpannija benefiċjarja ta' għajnuna bil-prezz tas-suq, jeħtieġ li jiġi ddeterminat min huwa l-benefiċjarju reali tal-għajnuna li jrid imbagħad iħallasha lura. Skont iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, jista' jkun kemm il-bejjiegħ, kif ukoll l-impriża mibjugħa. Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li bħala prinċipju l-għajnuna għandha tiġi rkuprata mingħand l-impriża mibjugħa […] Madankollu, *il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ammont tal-għajnuna għandu jitħallas lura mill-bejjiegħ* jekk huwa jkun żamm il-vantaġġ tal-benefiċċju tal-għajnuna, li kien ikun inkluż fil-prezz tal-bejgħ. *Dan huwa partikolarment il-każ meta jintwera b'ċertezza li l-prezz*

43 — Enfasi miżjuda minni.

44 — Ara l-punti 78 u 84 tas-sentenza.

45 — Ara l-punt 85.

tal-bejgħ jieħu inkunsiderazzjoni l-għajnuna illegali li tista' tkun suġġetta għal obbligu ta' rkupru, jew meta l-kuntratt tal-bejgħ tal-kumpannija benefiċjarja tal-għajnuna jipprovdi b'mod espliċitu li l-bejjiegħ ikollu jrodd lura l-għajnuna li tkun irċeviet l-entità mibjugħa jekk tiġi ddikjarata illegali u inkompatibbli"[46].

153. Il-Kummissjoni żiedet tgħid li "[fin-] nuqqas ta' dan it-tip ta' klawżola, il-parti l-kbira tal-kuntratti ta' bejgħ jipprovdu li l-bejjiegħ jiggarantixxi l-obbligazzjonijiet tal-impriża mibjugħa. F'dan il-każ, l-impriża mibjugħa jkollha tħallas lura l-għajnuna illegali u l-klawżola ta' garanzija tal-obbligazzjonijiet tippermetti lix-xerrej idur lejn il-bejjiegħ. Din il-kwistjoni tiddependi mbagħad mir-regoli kuntrattwali applikabbli u proprjament ma taqax taħt il-[….] proċedura ta' rkupru".

154. F'din il-kawża, il-Kummissjoni tiddikjara[47], li s-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) emendat il-prinċipju msemmi fil-punt 78 tas-sentenza Banks (C-390/98, EU:C:2001:456), peress li l-irkupru tal-għajnuna għandu jsir mingħand il-benefiċjarju, anki jekk dan tal-aħħar jkun inbiegħ b'kundizzjonijiet tas-suq u l-valur tal-għajnuna jkun inkluż fil-prezz tal-bejgħ.

155. Huwa xieraq fil-fehma tiegħi li napprofittaw minn din il-kawża biex nistabbilixxu b'mod ċar il-prinċipji applikabbli għall-irkupru ta' għajnuna f'kawża bħal din kif ukoll fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Banks (C-390/98, EU:C:2001:456), L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252), Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) u Il-Kummissjoni vs Franza (C-37/14, EU:C:2015:90), fejn il-benefiċjarju nbiegħ b'kundizzjonijiet tas-suq u f'każ li l-prezz tal-bejgħ jinkludi l-valur tal-għajnuna.

156. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 81 tas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238), "[l-]impriża li żżomm il-vantaġġ kompetittiv marbut [mal-għajnuna] […]għandha tkun obbligata trodd lura ammont ugwali għal dak ta' [l-għajnuna]". L-irkupru għandu għalhekk isegwi l-vantaġġ fis-sens li l-entità li bbenefikat jew li għadha qiegħda tibbenefika mill-vantaġġ għandha troddha lura, kemm jekk kien hemm bejgħ ta' assi kif ukoll ta' ishma u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

157. Fl-ewwel lok, il-fatti ta' din il-kawża, jiġifieri l-għoti ta' għajnuna lil kumpannija segwit mill-ipprivatizzar immedjat tagħha, juru li l-prinċipju msemmi fil-punt 78 tas-sentenza Banks (C-390/98, EU:C:2001:456), jiġifieri li l-għajnuna hija irkuprabbli mingħand il-bejjiegħ, jiftaħ il-bieb għal abbuż tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat mingħajr impunità peress li jippermetti lill-Istati Membri jagħtu għajnuna lil impriżi tal-Istat bl-għarfien li, anki jekk l-għajnuna jkollha eventwalment titwaqqaf fil-futur, l-ipprivatizzar jippermetti lill-impriżi jżommu l-vantaġġ storiku akkumulat sakemm titwaqqaf.

158. Fit-tieni lok, "jekk il-kumpannija li tkun irċeviet l-għajnuna ma tiġix stralċata u tibqa' attiva fis-suq, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna ma tistax tkun eliminata (jew għall-inqas immitigata) ħlief jekk jiġi impost obbligu ta' restituzzjoni fuq din il-kumpannija: huwa biss b'dan il-mod li 'l-benefiċjarju jitlef […] il-vantaġġ li jkun gawda fis-suq meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu, u s-sitwazzjoni ta' qabel l-għoti tal-għajnuna terġa' tiġi stabbilita' [sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-348/93, EU:C:1995:95, punt 27). Fl-istess sens, ara wkoll is-sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni (C-480/98, EU:C:2000:559, punt 35)]"[48].

159. Fit-tielet lok, "għalkemm huwa minnu li [l-bejjiegħ tal-]ishma tal-kumpannija benefiċjarja bi prezz li jirrifletti l-valur tagħhom tas-suq wara l-għoti tal-għajnuna jikseb vantaġġ mir-rivalutazzjoni tal-kumpannija, xorta waħda jibqa' evidenti li dan il-vantaġġ eventwali ma jeliminax dak li tkun kisbet il-kumpannija benefiċjarja fil-konfront tal-kompetituri tagħha. U huwa eżattament dan il-vantaġġ li

46 — Enfasi miżjuda minni.

47 — Ara l-punti 137 sa 139 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48 — Ara l-punt 83 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2003:354).

jiddetermina d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u li jeħtieġ għalhekk li jiġi eliminat permezz tal-irkupru tal-għajnuna, filwaqt li l-vantaġġ finanzjarju li jirriżulta mill-bejgħ tal-ishma jista' wkoll ma jkollu ebda impatt fuq il-funzjonament kompetittiv tas-swieq, billi mhux bilfors li dak li jbiegħ l-ishma huwa operatur ekonomiku"[49].

160. Fl-aħħar nett, "[it-]teżi opposta, li, f'ċirkustanzi speċifiċi, l-għajnuna għandha tkun irkuprata mingħand il-bejjiegħ, toħloq fil-fatt inċertezzi konsiderevoli, peress li spiss huwa diffiċli li wieħed jistabbilixxi jekk il-prezz tal-bejgħ jirriflettix għal kollox il-valur tas-suq tal-kumpannija benefiċjarja wara l-għoti ta' għajnuna u mhux eskluż ir-riskju li din il-kumpannija tintalab trodd lura mill-inqas parti mill-għajnuna"[50].

161. Għal dawn ir-raġunijiet, meta "l-impriża li lilha tkun ingħatat għajnuna illegali mill-Istat iżżomm il-personalità ġuridika tagħha u tkompli twettaq, għaliha nnifisha, l-attivitajiet issussidjati permezz tal-għajnuna mill-Istat […], normalment hija din l-impriża li żżomm il-vantaġġ kompetittiv marbut ma' dik l-għajnuna u għalhekk hija għandha tkun obbligata tħallas lura ammont ekwivalenti għall-għajnuna"[51].

162. Il-prinċipju huwa għalhekk li l-għajnuna għandha tiġi rkuprata mingħand l-impriża mibjugħa, f'dan il-każ Dunamenti Erőmű, u mhux mingħand il-bejjiegħ, f'dan il-każ MVM jew l-Istat Ungeriż.

163. Għandu jingħad ukoll li, kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 84 sa 97 tas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238), ir-regola li min iżomm il-vantaġġ kompetittiv marbut mal-għajnuna għandu jroddha lura tapplika wkoll f'każijiet fejn, minħabba bejgħ ta' assi jew tranżazzjoni oħra, il-benefiċjarju jkun battal l-assi kollha tiegħu bl-għan jew bil-konsegwenza li l-irkupru tal-għajnuna jsir impossibbli (li ma huwiex il-każ f'din il-kawża) iżda fejn l-attivitajiet ta' dan il-benefiċjarju jkunu tkomplew minn impriża oħra li għalhekk, peress li tkun żammet il-vantaġġ kompetittiv, għandha tħallas lura l-għajnuna[52]. F'każ kuntrarju, jiġifieri meta l-benefiċjarju jkun waqqaf l-attivitajiet tiegħu mingħajr ma kompliethom impriża oħra, ikun assolutament impossibbli, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jsir l-irkupru[53].

164. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li, minkejja l-fatt li fil-punt 81 tas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238) il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tagħmel distinzjoni bejn il-benefiċjarji skont jekk iżommux jew le l-personalità ġuridika tagħhom[54], l-Artikolu 107 TFUE, bħad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni, jitkellem dwar impriżi ("undertakings") u mhux dwar kumpanniji li għandhom personalità ġuridika.

165. F'dan is-sens, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 43 tas-sentenza ETI *et* (C-280/06, EU:C:2007:775) dwar ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, "il-forom ġuridiċi rispettivi ta' l-entità li wettqet ksur u tas-suċċessur tagħha huma irrilevanti. L-impożizzjoni tas-sanzjoni għall-ksur fuq dan is-suċċessur ma tistax, għaldaqstant, tiġi eskluża sempliċement minħabba l-fatt li, bħal fil-kawżi prinċipali, dan għandu status ġuridiku differenti u jopera b'mod differenti mill-entità li lilha huwa ssuċċeda".

49 — *Ibidem* (punt 84).

50 — *Ibidem* (punt 85).

51 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238, punt 80).

52 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-277/00, EU:C:2004:238, punti 86 sa 97); Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619, punt 58) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 104).

53 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-454/09, EU:C:2011:650, punt 36) u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-610/10, EU:C:2012:781, punt 104).

54 — Din id-distinzjoni saret ukoll fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-214/07, EU:C:2008:619, punti 48 u 55).

166. Għaldaqstant, il-prinċipju li l-obbligu ta' rimbors tal-għajnuna jaqa' fuq *l-impriża* li żżomm il-vantaġġ kompetittiv marbut magħha jippermetti l-irkupru tal-għajnuna mingħand l-impriża li ħadet f'idejha l-attivitajiet issussidjati mill-Istat.

– L-applikazzjoni f'din il-kawża

167. F'dan il-każ, billi l-vantaġġ inkwistjoni huwa l-PPA, hija Dunamenti Erőmű li bbenefikat minn u żammet il-vantaġġ kompetittiv li jirriżulta minn dan il-PPA, jiġifieri prezzijiet tal-bejgħ tal-elettriku ggarantiti fit-tul. Hija għalhekk Dunamenti Erőmű li għandha trodd lura l-għajnuna mill-Istat.

168. Barra minn hekk ikun assurd li wieħed jippreżumi, minn naħa, li l-vantaġġ qiegħed f'idejn Dunamenti Erőmű, peress li l-PPA huwa parti mill-patrimonju tagħha, iżda, min-naħa l-oħra, l-Istat bejjiegħ ibbenefika minn din l-għajnuna. Huwa ovvjament impossibbli li wieħed jelimina l-vantaġġ f'idejn kumpannija u jemmen li l-vantaġġ kompetittiv jinsab xi mkien ieħor, speċjalment meta f'dan il-każ, kien il-PPA li ħoloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u għamel il-liberalizzazzjoni tas-suq Ungeriż tal-enerġija kważi impossibbli billi għamel id-dħul għal parteċipanti ġodda iktar għali.

169. Ċertament, din il-konklużjoni tista' twassal għas-sitwazzjoni fejn l-Ungerija jkollha, kif diġà għamlet, twaqqaf il-PPA waqt li żżomm il-prezz imħallas mix-xerrej u tinkludi l-valur tal-għajnuna filwaqt li Dunamenti Erőmű għandha tirrimborsa l-valur ta' din l-għajnuna lill-Istat.

170. Madankollu, kif tgħid il-Kummissjoni fir-rikors tagħha fil-kawża li waslet għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-37/14, EU:C:2015:90), "din il-kwistjoni tiddependi […] fuq ir-regoli kuntrattwali applikabbli u ma taqax taħt […] il-[…] proċedura ta' rkupru [tal-għajnuna]". Fil-fatt, "il-parti l-kbira tal-kuntratti ta' bejgħ jipprovdu li l-bejjiegħ jiggarantixxi l-obbligazzjonijet tal-impriża mibjugħa. F'dan il-każ, l-impriża mibjugħa għandha tħallas lura l-għajnuna illegali u l-klawżola ta' garanzija tal-passiv tippermetti lix-xerrej fuq il-bejjiegħ".

171. F'dan il-każ, minbarra dawn ir-rabtiet kuntrattwali mal-Istat Ungeriż, Electrabel tibbenefika wkoll mill-garanziji tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija li jippermettulha titlob, kif għamlet, ir-rimbors *sħiħ* tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati quddiem tribunal ta' arbitraġġ tal-ICSID [55].

iii) Konklużjoni

172. Meta rrifjutat li tanalizza l-argumenti ta' Dunamenti Erőmű rigward l-irkupru tal-għajnuna eventwali, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

173. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-konklużjoni tagħha fuq il-mertu dwar it-tieni parti tat-tielet motiv, għandu jiġi osservat li s-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali (u mill-Kummissjoni) titfa' fuq Dunamenti Erőmű l-obbligu tar-rimbors tal-għajnuna u għalhekk is-sentenza appellata ma għandhiex għalhekk titħassar fuq dan il-punt.

VI – **Effetti tal-annullament**

174. Peress li fil-punt 128 ta' dawn il-konklużjonijiet jiena kkonkludejt li l-Qorti Ġenerali kkommettiet żball ta' liġi u li kien hemm lok li tiġi annullata s-sentenza appellata, għandhom jiġu analizzati l-effetti ta' dak l-annullament.

55 — Ara l-punti 23 sa 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

175. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'każ ta' annullament ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali "[il-Qorti tal-Ġustizzja tista'] jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha". Għaldaqstant, għandu jiġi stabbilit jekk il-kawża tinsabx fi stat li tista' tiġi deċiża.

176. Kawża tkun fi stat li tista' tiġi deċiża meta l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi kollha meħtieġa sabiex tkun tista' tiddeċiedi [56].

177. Kif spjegajt fil-punt 122 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-applikazzjoni korretta tal-kriterju tal-investitur privat tikkonsisti f'li wieħed jistaqsi x'kien jagħmel operatur tas-suq ipotetiku, iffaċċjat biċ-ċirkustanzi ekonomiċi tal-1995, f'suq li kien ser jiġi liberalizzat, fl-1 ta' Mejju 2004 biex ibiegħ lil Dunamenti Erőmű bl-aħjar prezz filwaqt li jkompli l-istess għanijiet ekonomiċi u kummerċjali li kellu l-Istat Ungeriż fl-1995, jiġifieri li jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista bl-iktar prezz baxx possibbli, jimmodernizza l-infrastruttura b'ħarsien tal-istandards ta' protezzjoni ambjentali fis-seħħ u jwettaq ir-ristrutturar meħtieġ fis-settur tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

178. Applikazzjoni korretta tal-kriterju tal-investitur privat timplika evalwazzjoni ekonomika kumplessa. Skont ġurisprudenza kostanti, "l-eżami mill-Kummissjoni tal-kwistjoni jekk miżura partikolari tistax tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat, għaliex l-Istat ma jkunx aġixxa bħala operatur ekonomiku ordinarju, timplika evalwazzjoni ekonomika kumplessa. Il-Kummissjoni, meta tadotta att li jinvolvi evalwazzjoni bħal din, tibbenefika minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa u l-istħarriġ ġudizzjarju huwa limitat […] għall-verifika tal-osservanza tar-regoli proċedurali u tal-motivazzjoni, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati, tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti kif ukoll tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter. Ċertament għandu jiftakkar li ma huwiex l-obbligu tal-[Qrati tal-Unjoni] li jissostitwixxu l-evalwazzjoni ekonomika tal-Kummissjoni b'tagħhom stess" [57].

179. Peress li l-applikazzjoni korretta tal-kriterju tal-investitur privat ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali, l-annullament tas-sentenza appellata jimplika l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' Dunamenti Erőmű.

180. F'dan il-każ, l-iżball ta' liġi jikkonsisti fin-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-elementi rilevanti fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, li ma ġiex ikkontestat mill-Qorti Ġenerali.

181. It-tielet parti tat-tielet aggravju hija għalhekk fondata, u dan għandu jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' Dunamenti Erőmű.

VII – **Fuq l-ispejjeż**

182. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

183. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1), il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

56 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Chronopost u La Poste vs UFEX *et* (C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 134) u Spanja vs Il-Kummissjoni (C-513/13 P, EU:C:2014:2412, punt 42).

57 — Ara d-digriet DSG vs Il-Kummissjoni (C-323/00 P, EU:C:2002:260, punt 43). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punt 57); GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni *et* (C-501/06 P, C-513/06 P, C-515/06 P u C-519/06 P, EU:C:2009:610, punt 163); Il-Kummissjoni vs Scott (C-290/07 P, EU:C:2010:480, punti 64 sa 66); Ryanair vs Il-Kummissjoni (T-196/04, EU:T:2008:585, punt 41) kif ukoll Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-80/06 u T-182/09, EU:T:2012:65, punti 65 u 66).

184. Peress illi l-Kummissjoni tilfet l-appell, hemm lok li tiġi kkundannata tħallas, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż kollha sostnuti mill-appellanti, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, kif mitlub mill-appellanti.

VIII – **Konklużjoni**

185. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi skont kif ġej:

1.) Is-sentenza Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni (T-179/09, EU:T:2014:236) għandha tiġi annullata inkwantu l-Qorti Ġenerali rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni r-rabta intrinsika bejn il-ftehimiet ta' xiri ta' enerġija fuq medda twila ta' żmien u l-ipprivatizzar meta applikat it-test tal-investitur privat sempliċement għaliex dan l-element seħħ qabel id-data tal-adeżjoni tal-Ungerija.

2.) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/609/KE, tal-4 ta' Ġunju 2008, dwar l-għajnuna mill-Istat C 41/05 mogħtija mill-Ungerija fil-kuntest ta' kuntratti ta' xiri tal-elettriku hija annullata fir-rigward ta' Dunamenti Erőmű.

3.) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell.